COTBA TAL MOGHDIJA TAZ-ZMIEN

# NICHET U FERH!

GIOV. MIFSUD BONNICI

Nru. 105

JINBIEH TLET SOLDI

MALTA
Stamperia ta G. MUSCAT 213 Str. S. Orsla, il Belt
1911.

AC
95
.M35
M6

GIOV. MIFSUD BONNICI

# NICHET U FERH!

Nru. 105.

GUŻÈ CASSAR PULLICINO BEQUEST
UNIVERSITY OF MALTA
LIBRARY SERVICES

MALTA
Stamperìa ta G. Muscat 213 Str. S. Orsla, il Belt

1911.

Proprietà Letteraria
ta Alf. M. Galea

# NICHET U FERH !

## L'Euuel Cant

*Non secundum peccata nostra fecit nobis: neque secundum iniquitates nostras retribuit nobis.*
DAVID Ps. CII., 10.

1. Fl'aħjar ta żmieni, mitluf sibt ruħi
f 'ta 'l *Belt Imkaddsa*, kalb il ŭiedien ;
bl'icbar ħsieb mgħobbi, micdud għall aħħar,
fejn rasi nati ma contx nâf jien !

2. L'haŭn, l'hinn, inħares, sicŭit ingħarrex,
għoljiet biss nilmaħ, u xeŭc u għolliek ;
lil *Mulej* nitlob xakk daŭl jatini
biex mnejn ingħaddi nagħraf it-triek.

3. Colfejn b'riġlejja cont jiena nirfes
insib x'iżommni, kalbi jaktagħli ;
nistħajjlu igħidli: fìs arġa l'ura
għax int ġurnata tcun tista tgħâli.

4. Ma b'dana collu, xejn ma ktajt jiesi,
għax tama cbira kaŭŭietli kalbi
illi sa fl'aħħar il *Cbir Mulejna*
ma chienx le jiċħad sejjer il talbi.

5. Għoddu chien uasal il lejl biex jidħol
tiegħu haŭn jifrex id-dlamijet,
u jien cont għâdni, ħusbien u nfixchel,
nakbeż u nitla, ninżel l'għoljiet !

6. Fl'aħhar, sibt ruħi f 'mgħodija dejka,
mudlama u tuaħħax ma nafx ngħid chemm,
li fi cbir biża marret xeħtitni
u'l kalbi 'mlietli bl'iżjed cbir hemm !

7. Haŭn, ngħid is-seŭŭa : ħîlti naksitni ;
marritli saħti, bħal mibluh bkajt,
illi ftit ŭara li jien kgħadt naħseb
tal ħadid nara ma ŭicci ħajt !

8. Biex narġa l'ura, ħassejtha kârsa,
bil kalb u'l ħerka tlabt lil *Mulejja*,
sabiex mill *għoli*, minn fejn *Hu* kiegħed
ħârsa ta ħniena jixħet dlonc lejja.

9. Haġa ta l'għageb !. . . . Chif tiegħi 't-talba
chienet mitmumha, ħassejt ġo kalbi
li'l ħniena cbira ta l'*Etern Alla*
ġa chienet ħaddnet u semgħet talbi !

10. Chien sħieħ il kamar, imsaħħab l'ajru,
coltant xi żiffa tinħass ta'r-rieħ;
fil ħin, hemm nisma leħen l'igħaxxak
li'l klub iħenni mâr lili sieħ !

11. Għal din is-sejħa, f'dac il loc ħiemed,
minn fuki 'l biża marli ħassejt ;
ħîla katt bħalha, ferħ minn ta 'l genna
nista ngħid, iva, fil ħin rabbejt.

12. Ridt chiecu'nfittex il leħen ħelu,
mnejn chien gej nagħraf. . . . ma lè jien stajt :
f'dic il mgħodija, dlam biss chien jidher,
imgħotti 'l kamar taħt sħaba rajt.

13. Bil kajla ' l kajla ħbatt nimxi u naħseb,
intalla u'nniżżel fuk dac li smajt :
fil ħin, inħares, lejn uiċċ is-sèma,
mibluh u niexef ġo fija bkajt !

14. Minn geŭŭa sħaba bħal cheucba ħarget;
ma uiċċ is-sèma tittajjar bdiet ;
bil ġmiel u id-dija li chienet tarmi
il ŭiedien żejjnet, b'id-daul imliet !

15. Għal din id-dehra li bla ħsieb chelli,
illi k'ed noħlom cont jiena ħsibt,
kanklitli f' kalbi ħsiebijiet ġoddä
u tfixchil icbar minn kabel sibt!

16. B'għageb cbir tiegħi, rajt il din rieska
sachemm giet, iva, lejja fil krib;
x'ħin għarcubtejja ħbatt s'er ninxteħet
ġa chienet ŭaslet, kuddiemi 'nsib!

17. Iżda 'l ġmiel collu li 'l kalbi għaxxak,
kuddiemi baka' għal ftit ta'ż-żmien,
għax chif cont kiegħed bih tant nitpaxxa
f 'id-dlam ta kabel sibt ruħi jien!

18. Ma billi 'l ħniena, bla tarf, minn t'*Alla*
intemm riditni chiecu 'l ħsieb tiegħi,
b'dac li stess leħen li cont smajt kabel
marret fargitni, uakfet fîs miegħi.

19. Chif cont imfarraġ b'da 'l leħen ħelu
li chelli ix-xorti mill ġdid jien smajt,
għakkadt idejja cont lest fuk sìdri
u 'l ħniena t'*Alla* tlabt jien irġajt.

20. Dina semegħtni: żmien ftit chien għadda,
xbejba dehritli b'ŭiċċ it-thennija;
bil ġmiel, bl' indafa, seŭ minn tal genna
il ŭiedien feuuħet b'tagħha 'l kdusija!

21. B'daħca li tnissel imħabba safja,
bil fomm minn tagħha hi kaltli fîs:
«*Missier, jien Pia, bintec il mejta,*
*lilec mibgħuta mn' Alla l'għażis,*

22. *sabiex ingħarfec, illi dac collu*
*li tħoss ġo kalbec u li tixtiek,*
*hu ġa 'rnexxielec; gejt biex ħejjejtlec*
*mnejn għandec tgħaddi nuric it-triek!*»

23. Mîn katt, haŭn jista għal din il bxara
x'ħassejt ġo kalbi dlonc imur igħid ?
Ah ! xejn ma nistħi. . . . bl'imħabba u 'l ħleŭŭa
li kalbi ġarrbet, b'id-dmugħ jien bchejt !

24. Ridt chiecu niftaħ, fil ħin, dirgħajja,
bħal missier, iva, nitgħannak magħha;
ma lè għamiltu : cont insir chiefer
għax, bħala midneb, cont ntebbagħha !

25. Rgħoda f'xuftejja, chesħa ma gismi,
għarak ma ġbini, żanżin f'uidnejja,
taħbit ġo kalbi, meŭt ħassejt fuki,
inxtħett kuddiemha fîs għarcubtejja,

26. u b'leħen mitfi, b'tokla fil lsieni,
mort jien għidtilha f'dac li stess ħin ;
« *O ruħ beata, bil kalb nitolboc,*
*itlob għalija u għal midinbin,*

27. *sabiex ġurnata, flimchien niltakgħu*
*fil loc l'int kiegħda ta mingħajr għadd,*
*miegħec ingaŭdu l'hena ta dejjem*
*u ma ninfirdu minn xulxin katt.* »

28. Binti 'l maħbuba, ruħ mingħajr tebgħa,
gieħ, żîna u għaxka minn ta's-smeŭŭiet,
b'id-daħca f'fommha, mexxietni urajha,
it-triek it-tajjba fîs lili uriet.

29. Dicment sibt ruħi, f'uitja sabieħa,
għalchemm cont għâdni kalb il ŭiedien ;
ma 'l ħajt li chelli kuddiem għainejja
u it-tfixchil collu spiċċau rajt jien.

30. «*Missier,*» haŭn binti, reġgħet tennietli :
«*din hi't-triek l' inti cont uisk tixtiek;*
*għaddi dlonc minnha, mingħajr xejn bìża*
*ix-xeŭc neħħejtlec, kridtlec l'għolliek.*

31. *Ma nistax iżjed jien miegħec nibka,*
*mibgħutha lilec għal żmien uisk ftit,*
*compli, nitolboc, ix-xeukat tiegħec*
*sabiex iservu għal bniedem b'gîd.»*

32. Haŭn, il maħbuba, l'*Anġlu* ta binti,
li ftit snîn îlu jiena cont tlift,
bħala ħamiema għa's-sèma ittajjret
tgħattiet bi sħaba bajda bħal lift!

## It-Tieni Cant

1. Chif *Pia* ittajjret għal geŭŭa 'l genna,
ma't-triek l'urietni nimxi f'ìs bdejt;
ingħid is-seŭûa: dac collu l'għadda
chien minn għalija, fil ħin insejt.

2. F'uakt li cont miexi f'dic it-triek uitja,
sèma u art, iva, cont nara biss;
coltant ma ŭicci cont ucoll nara
ta'ż-żebbuġ siġar, palm u cipriss.

3. Bejn ŭieħed u ieħor; cont għamilt mixja
ta mîl u iżjed f'daŭc il ŭiedien,
x'ħin ma genb blata tnejn minn nies nilmaħ
kiegħdin jitchellmu chienu flimchien.

4. F'dan il ħin, rasi ħassejtha chibret;
staħbejt fìs minnhom, kgħadt xi ftit bgħid;
bil bichi 'l màra kalbha maksuma
lil dac li magħha jien smajtha tgħid:

5. *«Ġuann, jiena sejjra, f'idejc inħalli,*
*kîs li tgħarrafni mill ictar fîs;*
*xejn la taħbili, l'aħbar int gibli*
*tal maħbub ibni, Geżù għażis.»*

6. *«Ah, xejn la taħseb»*, *ŭiegibha Ġuanni:*
*«il ħsieb minn tiegħi, hu fîc u fih;*
*immidd il passi ma 'l mìxi tiegħu;*
*jeċc incun nista, katt ma 'nħallih.»*

7. Mita f'ŭidnejja da 'l cliem smajt jiena,
il-lejl chien daħal minn tal *Hamis* ;
cliem li ħassejtu jidrob il kalbi,
dmugħ minn ġo fiha silitli fîs !

8. Haŭna jinfirdu: *Ġuanni* dlonc telak ;
f'it-triek chien ħalla rajtu il *Marija;*
mâr sabiex jilħak malajr il sħabu
b'ugiegħ u b'nichet kalbu mimlija !

9. Din l'omm imniccta, chif minnu 'nfirdet,
kalbha 'ntlitilha bl'iżjed cbir ħemm ;
biex tasal f'darha chien jinħtigilha
minn tarf hi tgħaddi *Gerusalemm!*

10. F'dan il ħin, chiefer, kalil għaliha,
f 'dic it-taħbira ftacret fîs hija
ta mita ix-xŭejjaħ *Xmuni* chien rafa'
il *Geżù Cristu* ċchejchen tarbija !

11. Haŭn l'ugiegħ chiefer tal omm imniccta,
mictub chien jidher fl'għainejn mixrubä;
ma żdied għall aħħar fil kalb minn tagħha
malli giet, iva, b'da's-sejf midrubha!

12. F'dan il uakt, jiena, dritt lejn *Betanja*
il mìxi tħaffef rajt il *Marija,*
għaliex it-torok ġa b'id-dlam chienu
minn tarf għall ieħor collha micsija.

13. Haŭn *Ġuanni* 'l *Pietru*, ħimchien ma *Ġacbu*,
ma *Gezù Cristu* sabhom dieħlin
geŭŭa iċ-*cenaclu*, biex l'aħħar icla
huma hemm geŭ jagħmlu seŭ f'dac il ħin.

14. Minn ġo sħâb abjad chien bèda iberrak,
tkattir ta'x-xita, xi rgħad fil bgħod,
illi ġo kalbi bìża kankluli
li bħal tarbija kbadt jien nirtgħod!

15. Imbażża u 'mħeddel, fil ŭied ta *Cedron*
chif hemm sibt ruħi, l'inkas nâf jien:
biss smajt f'uidnejja, crib, infieħ, bichi,
żammejt il mìxi, scantat, ħusbien!

16. Uakkaft ŭidnejja, għarrixt b'għainejja,
sabiex ninduna da 'l bichi x'chien;
bilkiegħda kiegħed taħt siġra 'mrecchen
ragel ftit ksajjar ilmaħt hemm jien!

17. «Mgħamulha tiegħi!....» għidt geŭŭa kalbi,
għaliex għall eŭŭel ħsibtu xi ruħ;
b'għainejh imberrkä bla iħarrichom
imkanfed xgħaru, donnu mibluh!

18. Ridt chiecu jiena minn hemm nidbiegħed,
b'għainejja nifli bdejt l'haŭn u l'hemm,
ma f'dakka ŭaħda daŭn inxteħtuli
fuk il *Belt* sbejħa, *Gerusalemm*.

19. Għalchemm cont għâdni xi ftit bgħod minnha,
dŭal ilmaħt bosta f'tagħha 't-triekat;
fil ħin, għidt f'kalbi, nirtgħod bħal kasba:
«Xi ħaġa cbira, sgur hemm geŭ ġrat!»

20. Scantat, mistgħageb, ucoll imbażża,
għax ta'l-lejl chienu ġa l'għaxra saru,
mill għagħa cbira li cont k'ed nisma
colħadd chien donnu ħiereġ minn daru.

21. Tectic ġo moħħi, rgħoda ġo kalbi,
icecc'ċcu snieni tant ma xulxin ;
ridt, iva, chiecu li l'art tiblagħni,
indub għal collox xtakt dac il ħin !

22. Ħass ħażin, iva, kabadni f 'dakka
chif rajtni ŭaħdi f'daŭc il ŭiedien,
fuk li ridt ngħaddi minn fejn il bniedem
illi ftit îlu cont ilmaħt jien !

23. Ebda triek oħra, ma chienet tidher !
Ta bil fors chelli ngħaddi minn ħdejh !
Tal bard tchexchixa daret ma gismi,
mita usalt jiena biex nersak lejh !

24. Sa usalt ma genbu, ngħidlec is-seŭŭa,
fuk l'għainejn tiegħi il meŭt ħassejt :
miżmum il-lsieni, xgħari kâm rizza
nitchellem miegħu b'it-tlakliek bdejt !

25. «Għalic is-sliema, ja ħabib tiegħi ;»
cont lest jien għidtlu, mimli bil ħemm :
«tâf xejn tgħarrafni x'inhì dic l'għagħa
li k'ed tinstama' f '*Gerusalemm ?*»

26. Ma l'aħħar chelma, ikum bil ŭiekfa,
u b'leħen kaŭŭi mâr ŭiegeb fîs:
«Ah !. . x'ridtu jiġri ? Jien cont il ħtija . .
jien . . jien gibt collox b'tiegħi 't-tnassis ! »

27. Haŭn, jinfexx f'bichja, jolfok u jingħi ;
nitbigħed chiecu ridt jien minn ħdejh,
igebbed xgħaru, ŭiċċu ucoll jigref
u b'rabia cbira jigdem idejh !

28. Gebla fîs jakbad, u b'saħtu collha,
fuk sìdru u rasu, sa fuk ħaddejh,
mitluf għal collox, hu beda jati
illi id-demm ħareġ sa minn xuftejh !

29. Haûn, compla kalli: «Jien dnibt bil bosta!..
Nistenna 'l maħfra?.. ma tigix sgur!
Għal ftit flûs, jiena mort bgħet l'imgħallmi
issa kuddiemu jien nistħi 'mmur.

30. Ucoll nâf jiena, jecc dauca sħabi
jaraûni riesak biss lejn *Marija*,
icolli minnhom, ċanfir, ħars icreh,
ilcoll chemm huma iħebbu għalija.

31. Jinħtieġ, immela, li 'l meut tiġborni,
din isserraħni, cuiet insib biha,
għaliex jecc nokgħod f'di 'l chiefra ħajja
iddisprat, iva, collha ngħaddiha.»

32. Haûn leħnu 'nħanak, għajneih dberkulu,
issoccta igħidli: «Xejn tokgħod miegħi,
għax jien dac *Ġuda* li bgħet l'imgħallmi
in-*Nażżarenu*, *Geżù*, minn tiegħi! »

## It-Tielet Cant

1. Ħassejt ġo fija titkankal ħniena,
inchisret kalbi li bchejt b'id dmugħ,
għax chien giè f'rasi li dan il bniedem
chien sejjer jitlef minn tiegħu 'r-ruħ.

2. Ridt jiena chiecu ngħidlu xi chelma,
ma griezmi ingħalku ħassejt fil ħin;
saħħa ġo gismi ma chienx bakagħli,
inħarsu bkajna hemm lejn xulxin.

3. Il ŭicċ minn tiegħu, ngħid jien lè nista
chif f'dakka tbiddel, iuaħħax sâr!
Il ponn mar għakkad; minn ħdejh checcieni,
bi cbira killa ucoll chien fâr!

4. Haŭn minn ġo sìdri carba ħargitli,
u bħala imbicchem, tŭarrabt minn ħdejh;
chif rajt li minnu cont tbigħidt biċċa,
daŭŭart dlonc ŭicci u ħarist lejh.

5. Ah! bl'icbar għageb jien chelli nilmaħ
l'imsejchen *Ġuda*, f'żocc k'ed jixxejjer!
Ġa chien imgħallak! u jien imchexchex
lejn il *Belt*, iva, nirtgħod bkajt sejjer!

6. Chif krib sibt ruħi biex fil *Belt* nidħol,
ħsejjes ta l'armi laktu 'l ŭidnejja:
suldati dehru ma nies imħallta
minn daŭc it-torok chienu għaddejja.

7. Daŭn in-nies chienu minn ta coll nisel;
xiuħ, tfâl u żgħażagħ, minn ta coll żmien;
xi *Cbarat* chellhom ta's-*Sinagoga*,
*Fariżej, Scribi,* mgħakkdin flimchien.

8. X'uħud, f'idejhom chellhom il fiaccli,
tal katran ħbula, collha mkabbdin,
biex jistgħu imiddu f'is-sħieħ riġlejhom
f'xi torok dojjok u mudlamin.

9. B'ugiegħ mill icbar kalbi midruba,
f'nofs din il folla cont għaraft f'îs,
bil ħbula 'mkammad, marbut bil ctajjen,
il maħbub tagħna *Geżù* għażis !

10. Għal din id-dehra giè x'ifaccarni
f'dac il cliem ħelu li jien cont smajt
minn fomm *Marija,* mita ma *Ġuanni*
ma genb il blata jiena cont rajt !

11. Chif katt haŭn nista bi 'l-lsieni 'nfisser
x'ħassejt jien f'kalbi f'edac il ħin,
mita rajt l'iben minn ta *Marija*,
in-Nażżarenu, *Geżù* ħanin,

12. maħkur, imgħajjar, marbut u 'msaŭŭat
minn nies b'it-toscu kalbhom mimlija,
li setgħu chiecu sgur joktluh chienu
f'nofs daŭc it-torok bl'icbar ħruxija ?

13. Flimchien ma'l folla, tnejn minn nies nara
minn *Geżù Cristu*, ftit passi l'ura ;
ma seŭ minn ŭiċċhom, chemm minn mixjithom
ċar chienet tidher kalbhom micsurha.

14. Chienu 'l maħbubä ta'n-*Nażżarenu*,
Dac *Ġuanni*, u *Pietru*, collha 'mħaŭŭdin:
ħsieb ŭieħed chellhom, li jecc jintgħarfu,
bla xejn żmien jiġu daŭn marbutin.

15. Colħadd bl'imħatra mîn l'iżjed jaħkar
u'l *Geżù* jara ma't-triek straxxnat:
seŭ fuk coll ŭieħed nixħet għainejja,
cont fîs ninduna l'hu f'demmu fgat.

16. «*Inti, o Cbir Alla, x'inhù dan tiegħec,*
*li kiegħed tħalli li isir dan collu,*
*l'għaliex, immela, ma tibgħat l'anġli*
*lil maħbub Ibnec m'ir-rbit iħollu ?*

17. *Ma, x'k'ed ngħid jiena !.. Sinjur, aħfirli.*
*Geżù irid juri l'imħabba tiegħu*
*billi bħal bniedem irid ibati*
*sabiex fil ġenna joħodna miegħu.*»

18. Marbut u 'msaŭŭat, maħkur għall aħħar
fil krati chienu sejjrin joħduh !
F'dan il ħin jiena xħett ħârsa fuku;
inchisret kalbi u bchejt b'id-dmugħ !

19. Krib id-dâr, iva, ta 'l *Hâchem Anna*
kalb il moħkrija huma ŭassluh ;
billi l'*Imħallef* chien għâdu rieked,
ma zocc ta siġra rajthom rabtuh !

20. B'irvell li għamlu ŭara 'l bieb tiegħu,
stembaħ l'*Imħallef* u 'ntebaħ x'sâr:
«Seħħet il biċċa!» kâl geŭŭa kalbu;
kâm minn ġo's-sodda, għax b'ferħa târ !

21. Chien ftit żmien għadda, il bieb infetaħ;
bħala ŭied kaŭŭi minn ta trassis
f 'dakka 'lcoll daħlu b'in-*Nażżarenu;*
*Anna l'Imħallef* dehrilhom fîs,

22. Hemda f 'is-sala, sehiet ŭaka' f 'dakka ;
biss chien jinstàma xi ħoss ta'r-rieħ;
il poplu iħares lejn *Anna* 'l *Hâchem*
jiftaħ dac fommu chien jistennieh.

23. Inxteħet *Anna* fuk it-*Tron* tiegħu,
isfar lelluxa, jigdem dufrejh,
b'għainejh iżebbġu fuk ta ma dŭaru
u daŭn ta l'aħħar scantati lejh.

24. Fl'aħħar, il chiefer, bħala sajjetta
fuk *Geżù* jixħet hemm minnufih
ħârsa li tbażża, ħârsa ta killa ;
bli stess fomm tiegħu mâr jistaksih:

25. «Irrid jien nisma mill fomm minn tiegħec
jecc hux ta's-seŭŭa l'int il *Messija* »
*Geżù* fîs ŭiegeb: «Int għâd tarani
f 'genb îd missieri, il leminija . . . .»

26. Chien s'er jissocta, x'ħin *Anna* 'l vili,
ŭiċċu fîs biddel, ħadrani sâr,
fejn għamża jati lil ta ma dŭaru,
jonfoħ chemm jiflaħ, bil killa fâr.

27. Fil ħin, *ministru* tkankal minn locu
b'uiċċ l'iżjed kares, collu iddisprat;
ma genb hu resak in *Nażżarenu*
miegħu mâr ħâdha ġo demmu fgât:

28. «Chif katt tmur int, b'di 'l ħîla tuieġbu?..
tâf li b'hecc inti lilu casbart?»
Dakka ta ħarta fuk uiċċu ivenven
u f'nofs is-sala sabbtu ma l'art!

29. Da 'l bniedem ħajjen, ruħ ta coll ħażen,
li f'da 'l ħin rajna collu 'ncurlat,
għamla ta 'nguanta ta 'l ħadid chellu
mixduda f'idu, chien biha armat!

30. B'dana l'infami għamil minn tiegħu,
ngħid jien lè nista, x'ħassejt ġo fija,
mita bil uiekfa kân l'*Iben t'Alla*
stordut u 'mbengel mimli b'id-dmija!

31. Haŭn, bin Maria, idur fuk *Malcu*,
bil ħleuua igħidlu: «Dana għaliex?
Jecc int jidhirlec l'inkast f'xi ħaġa
jiena nitolboc dlonc tgħidli ħex.»

32. Ah, *Geżù* tiegħi, jecc dac il chiefer
minnec ma gietu, ftit minn ta 'l ħniena,
ma ħdani 'nrossoc, bil bosta 'nħobboc
b'imħabba safja, lè ninsiec jiena.

## Ir-Raba' Cant

1. Mibluh u niexef bkajt fija in-nifsi,
bla ħila u saħħa, b'ħalki miftuħ,
stallett il kalbi ħassejtu jinfidli;
bla ma ridt jiena, bchejt ferm b'id-dmuħ !

2. Nofs il-lejl, iva, chien jonksu siegħa
x'ħin minn għand *Anna* huma ħarġuh,
għaliex chien ordna l'infami 'mħallef
li għal għand *Caifa* malajr joħduh.

3. Għalchemm, il *Ħâchem*, fettex u fèla
jara chif jagħmel jiccundannah,
għand ħatnu bgħatu biex jieħles minnu
għax mingħajr ħtija chien hua rah.

4. Mîn katt haŭn jista bil cliem ifisser,
f'dan il viaġġ aħrax u tant hu tuil
dac li mâr ġarrab il maħbub tagħna
kalb il chefrija ta's-sŭat kalil?

5. Dauna li sbirri, ġo demmhom fgati
il cbira killa tagħhom ureŭ;
il *Geżù* isaŭŭtu ma tŭl it-torok
lejn dâr il *Ħâchem* marru iggerreu.

6. Il chefrin sbirri, b'*Anna* ġo nofshom
u b'*Geżù* għoddu kiegħed imut,
b'irvell fîs daħlu f'id-dâr ta *Caifa*
bħal ħalliel, iva, *Geżù* marbut !

7. Chif dan il ħajjen ta *Caifa* lemħu,
ħass id demm tiela sa ġo ħaddejh;
il *Cbarât* sejjaħ ta's-*Sinagoga*
sabiex imdaŭŭrä jokogħdu ħdejh.

8. Inxteħtet *Anna*, seŭ, ma genb *Caifa*,
lil dan ta l'aħħar, il ħsieb chien gih,
li xiedha jisma bil flûs mixtrija
u lilhom bèda fil ħin isieħ.

9. Daun il mixtrija ta xiedha foloż,
fil cliem minn tagħhom hemm ma kablux;
ŭieħcd kâl ħaġa, l'ieħor kâl oħra,
chif ried il *Hâchem* daŭn ma kalux.

10. «Int, xejn ma tŭiegeb?» *Caifa* mâr staksa
lil *Geżù Cristu* chif chien kuddiemu.
Haŭn *Geżù* baka ' bla xejn ma tchellem;
l'inkas biss chelma ŭiegeb għal cliemu.

11. Il ħażin *Caifa*, fgat geŭŭa demmu,
mita rah siechet lè 'r-rispondieh,
ħârsa mâr xeħet fuk ta ma dŭaru
baka' bil herra hu jistaksieh:

12. «Jien nâf ingħidlec, l'it-tagħlim tiegħec
kiegħed iħassar... iva, 'l colħadd;
scont, mela, ix-xiehda l'aħn'issa smajna
bniedem falż bħalec sgur li m'haŭn ħadd!»

13. *Geżù*, bil ħleŭŭa, għainejh fîs jarfa,
ħemda f'is-sala taka' fil ħin....
fetaħ il fommu, leħnu ucoll għolla,
hecc mâr jitchellem ma daŭ 'l chiefrin:

14. «Jiena f'id-diher tchellimt mort dejjem,
li k'ed ngħid issa, jixhdu colħadd;
cliem dejjem tajjeb ħareġ minn f'fommi
u li bil moħbi m'għallimt jien katt!»

15. «Smajt, ucoll jiena,» issocta *Caifa*;
«Smajtu ucoll inti, ilu xi ftit,
kiegħed tiftaħar l'int l'Iben t'Alla!..
minn f 'fommoc nisma dan chiecu irrid»

16. «Bil fomm minn tiegħec stess kiegħed tgħidu!»
chien lest biex ŭiegbu, *Cristu Geżù:*
«Dac l'inti miegħu titchellem kiegħed
l'*Iben* minn t'*Alla* ta's seŭ li Hu!»

17. Ma din il chelma ġo din il *Korti*
tgħedŭid instama, miegħu ucoll għagħa;
colħadd igħemgħem, colħadd igħajjat:
«*Geżù* 'l meŭt ħakku, għaliex hu dgħagħa!»

18. Il vili *Caifa*, ikum minn postu,
iċarrat ħuejġu f îs rajtu jien;
mâr stkarr l'hu ħâti, u: «Huduh» kallhom,
«għal għand *Pilatu*, bla telf ta żmien!»

19. Mâr ordna lilhom, b'leħen ta killa
li għand *Pilatu* imorru bih;
għaliex dan ħaseb, chif b'*Geżù* jaslu,
sgur li bla ħniena il meŭt jatih.

20. Il manigoldi, nies invażati,
għa's-sebħ chien għâdu xi ftit ta'ż-żmien,
f 'cantina xeħtu l'in-*Nażżarenu!*
Il ħsieb minn tagħhom nicxfu issa x'chien.

21. Ta da' 'l-lejl riedu chiecu 'l fdâl igħaddu
u tŭil bil bosta ma tantx jarau;
bdeŭ għalhecc, huma, bil mokżież cliemhom
l'in-*Nażżarenu* jinsolentau!

22. Minn geŭŭa 'l chcina, ulied il ħażen
giebu dlonc biċċa bil kżież mimlija:
b'għodda nkdeŭ biha ta daħc bla ħniena,
biex biss in[illegible]semmi, inħoss mistħija!

23. Fuk l'għainejn marru għeżież ta *Sidna*
il bicca xeħtu, rabtu fil ħin ;
fost sŭat bil ħarta, cliem vili u dgħagħa
jistaksuh bedgħu daŭn il chiefrin :

24. «Jecc hu ta's-seŭŭa l'int il *Messija*,
mîn k'ed isaŭŭtec, bil ħarta itîc?
Jecc int tobsrilna, tgħid mîn hu minn'na,
ilcoll chemm aħna sgur nemmnu fîc!«

25. Haŭn, l'*Iben* t'*Alla*, b'sabar katt bħalu,
inkas biss ŭiegeb għal mistoksija:
iżda 'l klub ħżiena, b'għaċċ tal vendetta,
iżidu bedgħu miegħu 'l moħkrija !

26. Ġa dakku 't-tlieta, x'ħin *Geżù Cristu*,
minn dan il poplu hecc tant misħut
minn xuxtu 'mdendel bl'icbar chiefrija
f 'loc tal kżież, iva, giè dlonc mixħut!!!

27. Mîn katt, chien jiemmen, o *Geżù* tiegħi,
li chelli nara il Bin *Marija*,
fl'idejn imŭakka minn ta l'għedeŭŭa
ucoll iġarrab din it-tbatija?

28. Ah! jiena 'nħobboc, *Geżù* ta kalbi !
Niftacar nibka sa 'l meŭt jien fîc;
lest 'ncun dejjem biex demmi 'nċarċar,
meut ucoll nieħu f 'coll ħin għalic

29. Ucoll jien nemmen, b'fidi kaŭŭija
li minn ġo kalbi ma tonkos katt;
immur inxandar x'ġarrabt għal bniedem,
bil fomm, bil chitba, jien ma colħadd.

30. Nistkarr kuddiemec, kuddiem is-sèma,
kuddiem *Marija*, minn tiegħec l'omm,
kuddiem l'*Appostli*, maħbubä tiegħec,
b'*Iben* minn t'*Alla* lilec inżomm.

31. Immela, jiena, *Geżù* ta kalbi,
bil ħsieb ninxteħet haŭn għarcubtejja,
lejc, iva, 'nħares b'kalbi muġuha
nitolboc tixħet int ħârsa lejja,

32. sabiex b'din jiena, curaġġ inrabbi,
fl'imsejcna kalbi inħoss mistrieħ,
bl'icbar ħsieb kaŭŭi ta 'mkaddsa fidi
li bl'aħħar chelma l'ismec insjeħ.

## Il Hames Cant

1. F'ħin l'għamil vili, bla xejn mistħija
ta x'ħin il *Cristu* hemmgeŭ xeħtugħ,
iż-żgħażugħ *Ġŭanni*, inkasmet kalbu
u bħal tarbija bèca b'id-dmugħ!

2. Minn fejn chien kiegħed, jitkankal rajtu
b'kalbu maksumha, b'dac id-dulur,
minn hemmgeŭ ħareġ jolfok, jitniehed,
għal għand *Marija* bil gìri imur.

3. Chif dana ŭasal krib id-dâr tagħha,
bèda jixxotta id-dmugħ mn' għainejh,
sabiex le jicser kalbet *Marija*
ta mita takbad hi tħares lejh.

4. Mibluh għall aħħar, kuddiemha deher,
mingħajr ma jista biss jiftaħ fommu,
l'ugiegħ u in nichet li chien iġarrab,
il cliemu chienu kiegħdin iżommu.

5. Chif haün *Marija* rât il dac *Ġüanni*
mibluh, u ħiemed mingħajr cliem xejn,
ġa chienet bsaret x'aħbar gibilha:
fejn xulxin bakgħu iħarsu it-tnejn.

6. Omm id-duluri u ta cbar duejjak,
chif fetħet fommha biex tistaksieh,
sejf ħass iniffed minn naħa għall oħra
il kalb minn tiegħu bl'acbar ugiegħ!

7. Il mantell jakbad, fuk uiċċu jixħet,
sabiex mâr għatta id-dmugħ t' għainejh,
jirtgħod bħal kasba, imgħammad baka'
u l'omm scantata, tħares ċass lejh!

8. Ried chiecu *Ġüanni* l'aħbar jatiha
ta *Ġeżù Cristu*, binha 'l ħanin;
iżd' ebda ħîla ma chien fadallu;
collha naksitlu, ħass dac il ħin.

9. Fost dmugħ u bichi, sa fl'aħħar tchellem;
l'aħbar mâr jati fîs lil *Marija*,
li il maħbub binha, l'għażiż ta kalbha,
il meüt iridu jatuh bla ħtija!

10. Haün, l'ugiegħ chiefer ta l'omm imniccta,
mictub chien jidher fl'għainejn mixrubä;
ma żdied għall aħħar fil kalb minn tagħha
malli giet, iva, b'da's-sejf midruba.

11. Haüna, l'imsejcna omm minn għajr tebgħa,
ġàbret xi nìsa, collha ħbieb tagħha,
bil gìri telket biex tara 'l binha
u marret magħhom bi *Ġüanni* magħha.

12. F'dan il ħîn seüüa, l'*Appostlu Pietru*
f'ta *Caifa* kiegħed chien geüüa id-dâr,
chien kiegħed imrecchen ma xi nies oħra,
fil bitħa 'mxaħxaħ kuddiem in-nâr.

13. Chit chien għa's-sħana l'imsejchen Pietru,
dakxejn ta xbejba resket sa ħdejh;
chienet kaddejja f'id-dâr ta 'l *Hâchem*,
marret kuddiemu, bdiet tħares lejh.

14. «M'intix int ŭieħed, minn daŭc it-tnax,»
hi marret kaltlu, chif chien ħusbien;
«li tcunu dejjem ma'n-*Nażżarenu*?»
Fìs *Pietru* ċaħad; kâl «Lè, m'hux jien!»

15. Haŭn, *Geżù Cristu*, bħal *Alla* u bniedem,
fil kalb minn tiegħu chien ħass di 'ċ-ċaħda;
f'dan il ŭakt jiena, chif cont fil bitħa,
is-serduk jidden smajt l'eŭŭel ŭaħda.

16. Imbażża *Pietru*, chien ràġa sàma,
xejn ma chien għadda ħlief żmien ŭisk ftit:
«Int, iva, tidher, ta madŭar *Cristu!*..»
lest chien haŭn *Pietru*, ċaħad mill ġdid?

17. Żmien bosta ċchejchen chien laħak għadda,
lil *Pietru* reġġhu hemm igħidu bdeu:
«Xejn tokgħod tiċħad, int ŭieħed minnhom,
għaliex minn cliemec int *Galileŭ*.»

18. Għa't-tielet darba, smajt jien il *Pietru*
jiċħad l'imgħallmu, *Cristu Geżù*;
iħakkak smajtu, bèda ucoll jaħlef,
imur igħid lilhom ma jafx mîn hu!

19. Ġa l'erbgħa saru. Il *Geżù Cristu*
minn ġo 'l cantina marru ħarġuh;
daŭn l'erŭieħ ħżiena, klub minn ta'ż-żonkor,
mill ġdid bla ħniena kabdu icasbruh!

20. B'*Geżù* ġo nofshom, collha ferħanä,
minn kuddiem *Pietru* seŭ seŭ għaddeŭ:
*Geżù* dlonc ħârsa xeħet għal fuku,
f'dan il ħin huma, il ħsieb geddeŭ.

21. L'imsejchen *Pietru,* stallett għal kalbu
ħass din il ħârsa, seŭ f'dac il ħin,
għaliex faccritu f'iċ-ċaħda l'għamel
lil *Geżù* tiegħu, maħbub, ħanin.

22. Haŭn, joħroġ barra, jibchi chemm jiflaħ,
għax ħass ġo kalbu pŭieni ŭisk cbar;
kalb in-nies iżjed ma ried katt jidher;
minn hemm mâr jiġri, staħba ġo għâr.

23. Hemm geu chif daħal, fîs talab maħfra
lil *Geżù Cristu* tiegħu maħbub;
u baka' jibchi, dmugħ xerred bosta;
u bagħad dejjem minn tiegħu id-dnub.

24. Chienu x'il ħamsa, x'ħin *Geżù* tagħna
bil ħbula u 'l ctajjen chien mistringut,
biex mill ġdid jidher kuddiem il *Hâchem*
u il *Cbarât* jigi dicment meħud.

25. Aħ, *Haruf t'Alla!...* chemm k'ed iġġarrab!
chien id-dnub tiegħi ta di't tbatija!
Għal cbira 'mħabba l'int għandec lejja
fuk salib ħajtec, trid tħalli għalija!

26. *Caifa* chien kiegħed, barra m'is-sala,
imdaŭŭrin miegħu *Cbarât* u ħbieb;
chien k'ed iserraħ spallejh mal coxxa
f'dac il ħin seŭŭa ta's-sala 'l bieb.

27. Hsejjes instemgħu gejjin mill bitħa,
ħalf, dgħagħa faħxi instama ucoll:
chienu li sbirri ħiergin bi *Cristu,*
għajb lilu jagħmlu flimchien ilcoll!

28. *Cajfa,* chif lemaħ lil bin *Marija*
chien lest lejh daŭŭar b'ċorla spallejh:
«Huduh,» kâl lilhom, «għand min għidtilcom;
inkas biss nista inħares lejh!

29. Aħ! vili *Hâchem!* Ma tistax tħares
lejn dac li niżel minn ġo's-smeŭŭijet,
sabiex mill jasar imur iħolloc
u minn ta 'l genna jagħmlec ŭirriet!

30. Ah! li cont f'lococ! bniedem imħassar,
ruħ ta 'l ħżunija, *Hâchem* bla gieħ!
Fîs għarcubtejja cont jien ninxteħet,
kîma minn kalbi cont iva, 'ntieh!

31. Hemm stess nitolbu, bħal *Alla* u *bniedem*
li ifittex jisma minn tiegħi 't-talb :
bil ħniena tiegħu jaħseb il ruħi,
u ucoll ibiddel minn tiegħi 'l kalb.

32. B'hecc chien icolloc tama kaŭŭija
li minn ġo dana 'l cbir ŭied ta'd-dmugħ,
ŭara li ħajja tcun għixt int tajjba,
tithenna il genna tiegħec ir-ruħ.

## Is-Sitt Cant

1. Is-sħâb chien tkatta, chien sħieħ id-difa,
chien bèda jidher ta'x-xemx xi raġġ,
x'ħin minn ġo'l Korti, *Geżù* chien ħareġ
biex mill ġdid jibda minn tiegħu 'l viaġġ.

2. Chif mill bieb ħareġ ta 'l ħajjen *Cajfa*,
il *Lhud* imsaħħnä, fih iggranfau ;
isaŭŭtuh kabdu, jaħkruh bla ħniena,
għax lilu xtieku mejjet jarau !

3. Il chiefrä tigri, m'humiex cuntenti;
xejn m'għâdu 'nkata il għaċċ minn tagħhom;
bil ħlif u'd-dgħagħa, bla xejn mistħija,
bil ponn, bil ħàrta, ħaduh fîs magħhom.

4. Mîn bèda iüerżak, u mîn igħajjat,
u mîn jimbotta tagħna 'l *Messija*;
mîn bèda igebbdu ucoll mill ħbula;
chien donnu bniedem mimli b'coll ħtija!

5. Sgur moħħ il bniedem ma jista jifhem
f'dà 'l viaġġ tüil u aħrax x'ġarrab *Bin Alla*!
Biss jiena rajtu jaka' uisk drabi,
ta demm għadajjar uarajh chien ħalla!

6. Daun il clieb sbirri bih huma üaslu
üara 'l bieb chienu minn ta Pilatu;
daħlu 'l coll geuua b'għagħa mill icbar,
fuk *Geżù Cristu* reġgħu bdeü jatu!

7. Stgħageb, *Pilatu*, chif rà kuddiemu
il *Geżù Cristu*, mimli b'id-dmija,
tbengil ġo üiċċu, għainejh minfuha,
li chien ikankal ta's-seü mgħodrija!

8. Üara li sama' *Pilatu* 'l biċċa,
kâl dlonc lil poplu: «Jien minn għalija
nibgħat il barra lil dan il bniedem,
għaliex ma tidher fih ebda ħtija.»

9. Ma din il chelma, xeüüiexa üaħda,
għajjât kâm f'dakka mill poplu fîs,
li dan il *Hâchem* sfàr bħal lelluxa,
kabad jitchellem b'ħafna tmellis.

10. Ma lè ried jisma, il *Poplu* uieġbu:
«Jecc int jidhirlec l'hu mingħajr ħtija,
ma's-*Sultan Cesri* sejjer ticsirha;
sgur tispiċċalec il ħbieberija.

11. «Cûn âf, ja *Hâchem*, li dan l'infami,
bil ħażen diegħu u is-sħarijiet,
kiegħed cbar ktajja ta nies iħassar;
għa'r-rieda tiegħu jiġbidhom ried.

12. «Għaldakshecc, mela, is-Sultan tagħna,
ħin bla ŭakt jista jitlak saltnatu;
il kîma collha li tistħokk lilu,
lil *Gežù Cristu*, dlonc nibdeu natu.

13. Għal di 'theddida, *Pilatu* tħaŭŭad,
chesħa ma gismu ħass minnufih;
mal vini jiġri ħass demmu collu,
sturdament kaŭŭi kabad jatih.

14. Bil ħleŭŭa, ràġa, tchellem *Pilatu:*
«Ħuduħ kalilhom, bla telf ta żmien:
kuddiem *Erodi*, għax ġa għidtilcom
li l'ebda ħtija ma 'nsib fih jien.»

15. Daŭc il-*Lhud* chiefrä, f'*Gežù* dlonc jakbdu,
sa tarf it-taraġ b'herra uassluh..
dakka bla ħniena tuk dahru jatu,
u minn fuk s'isfel daŭna gherbuh!

16. B'din it-tisbita, in-*Nażżarenu*,
il maħbub iben minn ta *Marija*,
minn ħalku u ġbinu, minn rasu u 'mnieħru
żnieżel ħarġulu cbar minn ta dmija!

17. B'kalbi maksuma, b'rgħoda ġo gismi,
minn dan il poplu hecc xellerat,
il *Gežù* tiegħi stordut rajt jiena,
għal għand *Erodi* sejjer straxxnat!

18. Għajjen għal mejjet, bla l'ebda saħħa,
mingħajr biss jiflaħ imidd riġlejh,
mîn chien fuk għonku, mîn chien fuk rasu,
mîn chien isaŭŭtu ferm fuk genbejh!

19. Ġa ta filgħodu, is-sebgħa dakku,
ŭara sŭat aħrax, tcasbir, tbatija,
geŭŭa t'*Erodi* fil *Korti* daħal
*Geżù* imgħobbi bl'icbar moħkrija!

20. Haŭna, l'infami ta *Mħallef* l'ieħor,
fuk it-*Tron* tiegħu inxteħet fîs;
l'haŭn, l'hinn iħares, b'għainejh igħarrex,
il *Geżù* fettex tagħna l'għażiż.

21. Għalchemm *Erodi* chien ta ruħ xierfa,
mita rà 'l *Cristu* f'dic it-tbatija,
ħass geŭŭa kalbu xi dakxejn ŭaħda
minn dic l'insejjħu aħna mgħodrija.

22. Ma, il-*Lhud*, imchebbsä b'nâr tal mibegħda,
bi cliem ta ghideb chiecu daŭn riedu
l'*Erodi* isaħħnu....Saħħnuh chemm felħu;
ghideb fuk ghideb huma ucoll żiedu.

23. «Cûn âf, ja *Mħallef*,» marru kalulu:
«Li 'l missier tiegħec, *Sultan* fidil,
dan chien il ħtija li hu chien katagħha
sabiex ta't-trabi isir il ktîl.

24. Għadec tiftacar, li m'it-tliet *Magi*,
ħadd għand missierec minnhom ma mâr?..
Triek oħra kabdu, l'oħra tilfuha,
għax dana hŭa l'icbar saħħar!

25. «Ucoll, dan *Cristu*, bħalma tâf inti,
hu chien il chiefer ta dic il ħtija,
ta mita 'nkatgħet râs il *Battista*,
żgħażugħ minn tagħna, mimli tiŭbija....»

26. Ah! vili, 'nfami! Ma sibtux iżjed
x'takelgħu fuku?.... Nies ghiddibin!
Għaliex bil lsiencom ma mortux għidtu,
rajtuh ifejjak il imgiddmin?

7. Chienet din talba, li rasu ħaŭŭdet,
li chien iħossha tchiddu f'coll ħin,
mgħamulha chienet minn martu *Claudia*
fuk l'*Iben t' Alla*, *Cristu* ħanin.

8. Fuk li chien ġàra ma 'l-lejl, *Pilatu,*
chien għâdu sajjem, bla ma iâf xej;
bi ngħaż imtajjar, mingħajr ma sata'
xifer ma xifer jagħlak l'għainej.

9. Il-lejl chien katta, dieħel u ħiereġ
minn camra għall'oħra, mingħajr mistrieħ;
ħorox għall aħħar, *Ġovi* u *Saturnu*
f'dac il-lejl chiefer, chienu għalih.

10. Sbieħ, seŭ il *Gimgħa*, ta't-tlieta 'l ħabta,
f'banju tal fŭieħa daħal xi ftit;
fih mâr inxteħet, għaliex ħsieb chellu
illi għal saħtu jagħmel cbir gîd.

11. Ma chif il-lbiesu mâr xeħet fuku,
tal banju ħareġ mill camra chien,
feraħ bil bosta għax hass l'hu tajjeb
u xejn bħall kabel ma chien għajjen.

12. Fuk siġġu 'nxteħet, bejn idejh rasu,
ma mejda ipoġġu ponot mincbejh,
bħall ombra bajda minn camra gejja
u bil môd rieska chienet hi lejħ.

13. *Pilatu* scanta, ħaseb k'ed joħlom;
minn fejn chien kiegħed jitkankal ried;
iżda, lè sata', għax chien k'ed jara
il ġmiel u l'għaxka minn ta's-smeŭŭjiet!

14. Tbicchem għal collox, saħtu naksitu,
lejn l'ombra iħares mibluh hu bàka,
li ma żammx jiebes, b'is-sħieħ ma'l mejda,
chiecu sgur għâxi fl'art hu chien jàka.

15. M'hux ombra chienet li rà *Pilatu*
li bil mod chienet gejja minn geŭŭa;
iżda, żgħażugħa ta ġmiel katt bħalu,
ucoll imżejjna chienet b'coll ħleŭŭa.

16. Milfufa chienet ġo bluża tŭila
tal ħarir abjad mill ictar fin,
marbut chien kaddha b'faxxa ftit ŭiesgħa,
leŭnha ħadrani, chienet satin.

17. Xuxitha tuila, minn nofs mifruka,
mitluka chellha hi fuk spallejha,
għainejha sŭŭed, cbar, ftit micsurä,
*Pilatu*, mgħaxxak, iħares lejha!

18. Din, iż-żgħażugħa, kuddiemu ŭaslet,
imxarrbin chellha b'id-dmugħ għainejha,
għakkdet idejha fîs fuk sidirha
u fl'art inxteħtet hi għarcubtejha. . . .

19. F'da'l ħin *Pilatu*, ikum f'salt ŭieħed
imħaŭŭad, 'mgħaggeb, mibluh, ħusbien,
mill art fîs kajjem dic iż-żgħażugħa. . . .
li chienet martu, għaraf hu chien!

20. «Ah! *Claudia*, marti,» mâr hu kalilha:
«'l ġmiel ta's-sema k'ed nara fic!
għalfejn gejt tfittxni . . xi bżonn int għandec?
Żeugec lest dejjem sabiex jobdic!»

21. «Oh! maħbub żeŭgi,» dlonc hi uiġbìtu:
«nitolboc tħaddan minn tiegħi 't-talb;
dan nitlobulec, b'ħeġġa kaŭŭija
li kiegħed joħroġ minn tiegħi 'l kalb.

22. «M'hix ħolma tiegħi: cont iva, mkajjma,
rajt miexi lejja, il *Bin Marija*,
dac li isejjħulu in-*Nażżarenu*
li b'it-tiŭbija kalbu mimlija.

23. «Iva, o *Pilatu*, fih jiena nemmen,
għaliex chif rajtu bil ferħ intlejt,
ŭara lejl dŭejjak, ħsiebijiet coroh,
bil cliem minn tiegħu collox insejt!

24. «Dana ŭigħidni, il ŭirt tal genna,
jecc nemmen, iva, jien nibda fih....
ma ġa jien nemmen l'hu l'Iben *t'Alla*,
coll sagrificcju nagħmel għalih.

25. «*Geżù* ucoll kalli: Chif ix-xemx titla
għandi jien nigi mill għomja *Lhud*
maħkur għal aħħar, mimli b'id-dmija
kuddiem *Pilatu*, żeugec, meħud.

26. «Sabiex daŭn lilu, jitolbu imorru
il meut jatini minn ta's salib;
cliem b'ieħor igħidu, ferm lilu ibeżżgħu,
kuddiemhom lilu hu ħati isîb.

27. «Għidlu, ucoll kalli: li f'din il biċċa
lè imur jindaħal; b'gîd iservih;
jien miegħu niekaf, u icollu ix-xorti
lilu m'is-sèma jismagħni 'nsieħ.

28. «Għalhecc, nitolboc, maħbub *Pilatu*,
idejc int aħsel, iva, f'coll ħin,
għax *Geżù Cristu*, Hu l'Iben *t'Alla*
il kaddis hŭa tal kaddisin.

29. «Hajja tcun tiegħec l'ictar imħabbta,
ħajja ta bichi, ħajja ta ħemm,
jecc inti lilu tmur ticcundanna,
idejc iċċappas int b'tiegħu 'd-demm.»

30. Haŭn, *Claudia* sfaret.. għainejha 'ddardru,
b'id-dmugħ intleŭlha, bil kalb hemm bchiet,
tħares lejn żeŭġha, hu iħares lejha,
bla ma jitniffsu f'ta 'l camra 's-schiet.

31. *Pilatu* tħaŭŭad; îd *Claudia* kabad,
ma sìdru għannakha b'it-tnejn idejh;
bi ħleŭŭa cbira, kâl hemm lil martu
sabiex hi tersak ftit ictar lejh.

32. Ta't-tieġ il ħâtem jakla minn sebgħu,
jatih lil *Claudia* hemm fli stess żmien:
«Żommu,» kalilha, «b'ta chelmti rahan,
l'il *Geżù* neħles mill meŭt sgur jien!»

## It-Tminn Cant

1. Erodi chellu seba' mitt sèna
li 'l *Geżù Cristu* jara b'għainejh:
chif rah kuddiemu, ħass ferħa cbira;
mibluh haŭn baka' iħares lejh.

2. Xtiek dan il *Hâchem*, nofs ħajtu iħallas
minn *Geżù* jara xi għeġbijiet;
għalhecc, dar fuku b'ħârsa ta 'l ħleŭŭa,
minn f'fommu ħareġ daŭn il chelmjiet:

3. «Minn tliet snin îlu, m'hux tnejn jeu tlieta
bl'għeġbijiet tiegħec jiena mort smajt;
billi ucoll inti bin mastrudaxxa,
li nemmen bihom jien katt ma stajt.

4. «Li zopop, għomi, torox, imbiccmä,
mgħatubä, 'mgiddma u miflugin,
b'chelma l'għidtilhom, malajr fejjakthom,
u tajt il ħajja sa lil mejtin.

5. «Smajt ucoll jiena, b'is-setgħa tiegħec
illi bdilt l'ilma fl'itjeb imbit;
għal-daks tant, jiena ftit ilma ingiblec
kuddiemi tibdlu f 'imbit irrid.

6. «Jecc int dan tagħmel li k'ed ingħidlec,
mill *Lhud* neħilsec, mill ictar fîs;
ŭirriet ta's-*Saltna* dal ħin jien nagħmlec,
issir il *Hâchem* minn tal pajjis.»

7. In-Nażżarenu, għand dan il *Hâchem*
ma fetaħx fommu, għax chien jâf għâru ;
chien k'ed iħossu mistħi u 'mriegħex
illi sâb ruħu biss geŭŭa daru.

8. B'hecc, dic ix-xeŭka ta dan il chiefer
fil kalb minn tiegħu midfuna bakgħet;
ħass geŭŭa moħħu ibakbak demmu,
fîs killa cbira fuku ħass ŭakgħet.

9. B'rgħaŭa ġo ħalku, b'għainejh iżebbġu,
dana l'imħallef, ħajjen, briccun,
mâr b'libsa bajda saŭŭar il *Cristu*
sabiex ma'l poplu jagħaddih b'miġnun !

10. Mill ġdid dan bagħtu għal għand *Pilatu*
bla xejn idumu, għandu jieħduh;
uakt li ma't-torok, bla l'ebda ħniena
li sbirri fuku jatu u jaħkruh !

11. B'demmhom ibakbak, *Lhud* chiefrä u vili,
chif raŭ 'l *Cristu* lè 'ccundannat,
fih collha kabdu, bħal ħafna ljuni,
biex mill ġdid huma jatuh is-sŭat !

12. Il moħħ ta'l bniedem katt m'hu biżżejjed
biex imur jifhem dic it-tbatija
li'l *Haruf* t'*Alla* mâr hua ġarrab
minn ta'l *Lhud* vili kal bil ħruxija.

13. Chif minn t'*Erodi,* mill Palazz ħarġu,
l'itŭal triek marru hum'għażlu fîs,
biex jirnexxilhom, b'is-sŭat moħkrija,
jarau dlonc mejjet *Geżù* l'għażis.

14. F'dan il ħin chienu għâdhom chemm ŭaslu,
minn ġo *Betanja*, *Ġuanni* u *Marija* ;
ma *Geżù* 'ltakgħu marbut u 'mcasbar
minn fuk seŭ s'isfel mimli b'id-dmija.

15. Mîn katt haŭn jista imur ifisser
id-dulur aħrax minn ta *Marija*,
ill'inkas setgħet biss hi tagħarfu
kalb dic ix-xìta ta sŭat, moħkrija ?

16. Haŭn, b'ugiegħ chiefer ta l'omm imniccta
mictub chien jidher fl'għainejn mixrubä;
ma żdied għall aħħar fil kalb minn tagħha,
malli giet, iva, b'da's-sejf midrubha.

17. Viaġġ tŭil chien dana, torok imħarbtä
li 'l maħbub tagħna bâta uisk fih;
chien ġa nofs mejjet, mita li sbirri
ġo dâr *Pilatu* daħlu dlonc bih.

18. Iż-żgħażugħ *Hâchem* ħass moħħu tħaŭŭad,
mita rà 'l *Cristu* f'daru mill ġdid;
ma riedx hu chiecu ġo moħħu u f'kalbu
ħsiebijiet iżjed imur iżîd.

19. Taħbit ġo kalbu, tfixchil ġo rasu,
fuk it-*Tron* tiegħu mâr kgħad jirtgħod ;
lejn *Lhud* hu ħares, il fommu fetaħ
u magħhom tchellem mâr b'dan il mod:

20. «Chif nista jiena katt niccundanna
il dan il bniedem mingħajr caġun ?
Nixtiek uisk jiena niccuntentacom,
ħaġa ferm jiebsa għalija tcun !

21. «Nagħmlu hecc, mela: jiena coll sèna,
dritt għandi, b'Liġi, li grazzia nati,
nibgħat il barra, neħles għall collox,
icun xi ŭieħed ta'l meŭt hu ħati.

22. Għal meŭt hemm tlieta: ŭieħed minn daŭna,
jismu *Barabba*; ragel briccun . .
Neħles għidt jiena, l'in-*Nażżarenu,*
l'aħrax *Barabba* minn f'locu icun.

23. «B'da 'l ħâli ragel, intom ġa smajtu,
mgħadud ma'l poplu bi prim ħalliel,
li bi ħżunitu ħafna nies bażża
għal meŭt imŭaħħal għaliex kattiel . .

24. «Għandi ngħidilcom . .» chien s'er jissocta,
x'ħin għagħa 'nstemgħet u frattarija
il meŭt jitolbu lil *Geżù* jati
fuk salib, iva, kalb it-tbatija!

25. *Pilatu* scanta, mistagħgeb baka'
x'fehem igħid hŭa nèsa fil ħin ;
sfâr bħal lelluxa, għalih xakk l'għarak,
u f'ŭidnejh sama' bħala żanżin.

26. Ŭara seŭ seŭŭa, għaxar minuti,
bi cbir ħsieb mgħobbi ċass hŭa kgħad;
nista ngħid jiena, bla xejn ma narra,
mill *Lhud* xejn inkas sâr xellerat !

27. «Tafux chif tagħmlu», mâr hu kalilhom ;
«la triduh intom iccundannat ?
Nerħieh f'idejcom, xejn . . ma ngħidilcom . . . .
sabiex hu jigi ifflaggellat !»

28. B'dakshecc *Pilatu* mâr dlonc hu jaħseb
se' imur iserraħ il poplu fîs,
billi mâr rèħa il *Geżù* f'îdhom,
il maħbub tagħna, *Feddej* għażis !

29. Il maħbub *Sîdna*, iben *Marija*,
lè, xejn ma tbiddel, inkas ma tħaŭŭad,
chif hua sama' minn fomm *Pilatu*
li mill egħdeŭŭa chellu jissaŭŭat.

30. Aħ, baħnan, vili! Bniedem bla ħila,
bniedem ta'l ħażen, bniedem bla gieħ,
bniedem bla ħeġġa, li xejn ma nistħi
mita 'nsejjaħlec l'int moħħ ir-rieħ.

31. X'chien dana tiegħec, *Hâchem* belheni,
m'intix tinduna x'għamilt b'idejc?
għadec b'il-lsienec tgħid li m'hux ħâti,
issa mort xħettu int taħt riġlejc!

32. Aħ, msejchen l'inti! Ftit ta'ż-żmien ieħor,
ma idumx ma jasal, tcun indunajt,
ċar ucoll tagħraf li l'Iben t'*Alla*
għall cbar flagelli iccundannajt!

## Id-Disa' Cant

1. Għall di 'l cundanna, fîs geŭ magħżulä
sitt *Lhud* matnazzä mill ictar ħżiena,
sabiex bl'għesieleġ, bil ħbula u 'l ctajjen,
idokku fuku, sŭat mingħajr ħniena!

2. Li stess *Pilatu*, għalchemm jitriegħed,
bla xejn mistħija rajt jiersak lejħ,
*Geżù* driegħ jakbad, u lilu iressak,
lil *Lhud* hu jitlak bli stess idejh!

3. Ŭieħed minn daŭna, mitluf m'is-sensi,
lejh hŭa resak sabiex joħonku ;
siegla daŭŭarlu mgħamulha 'ngassa,
chien lest da 't-tigra xeħetlu f 'għonku!

4. Bl'icbar chiefrija, is-sitta jakbdu
f 'in-*Nażżarenu*, *Geżù*, ħanin,
neżżgħugħ minn ħŭejġu. . b'ugiegħ ta kalbi,
rajt jien imnażża lilu fil ħin !

5. Daŭ 'lpup imgeŭŭħä, ta ruħhom seŭda,
b'saħħithom collha marru kabduh,
u b'ŭiċċu l'isfel u b'dirgħajh ŭara,
b'sabta mill akua, ma l'art xeħtuh.

6. Is-sŭieghel giebu, dirgħajh dlonc rabtu,
bli stess mod ħadmu rajt ma riġlejh,
li b'dic is-saħħa li rasseŭhomlu,
bèda 'd-demm ħiereġ minn taħt dufrejh!

7. B'dakkjiet fuk rasu, b'dakkjiet fuk għonku,
b'dakkjiet fuk dahru, mill art kajmuh;
ŭieħed jimbotta, oħrajn igebbdu,
dlonc ma colonna f 'is-ħieħ rabtuh !

8. Is-sŭat haŭn bèda! . . . . Aħ, *Sinjur Alla!*
il ħadd ma nara tigieh mgħodrija !
Ġa kiegħed nara, l'art u'l colonna,
u 'l bojjiet magħhom mimlijin dmija!

9. Ġa 'l gisem tiegħu tbengil sâr ŭaħdu,
taħt is-sŭat aħrax sâr ichal nîr ;
nara cont kiegħed, b'id-dmugħ f'għanejja,
il għażiż laħam ma'd-dakka itir !

10. Nies ta klub mejtä għall coll mgħodrija,
m'intomx tintebħu li k'ed toktluh ?
Ftacru li dana hu l'*Iben* t'*Alla*;
fittxu mela 'ntom m'ir rbit ħolluh !

11. O *Nażżarenu*, fejn kiegħed *Pietru*,
dâc li mâr bosta iddefendiec?
Mela, għax râc issa f'idejn l'għedeŭŭa,
scartac u telkec, mâr u ħalliec?

12. Aħ, lè.. dan *Pietru* jinsab imriegħed
għaliex hu ċaħdec għal tliet darbjiet,
sogħbien għall aħħar u lè bħal *Ġuda*,
f'rocna k'ed jibchi tiegħu 'd-dnubjiet.

13. U fejn katt huma l'*Appostli*, sħabu,
għaliex ma jidhru daŭna ma 'mchien?
Aħ, lilhom, iva, kiegħed jien nilmaħ
imgherxä u 'mbeżżgħä geŭŭa l'egħrien!

14. Biss, daca *Gŭanni* li xejn ma telkec,
l'Applostlu ċchejchen tiegħec għażis,
hecc chit hu sama' il cliem ta *Caifa*,
l'aħbar ma jati lil ommoc f îs.

15. Suldat, ta sura matnazza u sbejħa
jagħrbel u jiżen fil ħinijiet,
dac li f'is-setaħ isir chien kiegħed
minn daŭc is-sitta chiefrä bojjiet.

16. *Porfiriu*, f'gismu demm nobbli chellu,
lè demm ta *Lhudi*, ma ta *Ruman*,
ħass demmu f'rasu, dar malajr fukhom,
il cliem minn tiegħu ma chienx ħlief dan:

17. «Nies vili, chiefrä! Ma xbajtux għâdcom
lil dan it-tŭajjeb tatuh b'is sŭat?
Mela, biżżejjed.... m'hux scond il Ligi,
dana l'imsejchen giè 'ccundannat!»

18. Mill għant, *Porfiriu* jislet ix-xabla,
imur kuddiemhom collu ncurlat;
fejn il colonna kalbieni resak,
b'dakka fîs kata' ta *Cristu* 'rbât!

19. Aħ, Suldat nobbli! Dan l'għamil tiegħec
jibka jissemma f 'kalb il bniedmin,
u ta dan inti ħlâs cbir icolloc
mill *Iben t'Alla, Geżù* ħanin

20. Miġrugħ, imbengel, imtertak laħmu,
fiacc, għoddu mejjet, bil kalil sŭat,
għall uiċċu jaka' fl'art fîs minn tulu,
chif chien sâb gismu maħlul m'irbât!

21. Għâdhom iridu il vili sbirri,
iduru miegħu, mill art jakbduh;
b'saħħithom collha, fuk gismu jakbżu,
b'is-sakajn bedgħu bla ħniena ituh!

22. B'dakkjiet tal ħarta, b'tiġbid minn xuxtu,
*Geżù* bil ûiekfa kâm b'tant tbatija;
iżda, ġo kalbu dulur ŭisk icbar,
chif rà kuddiemu l'ommu *Marija!*

23. Haŭn, l'ugiegħ chiefer ta l'omm imniccta,
mictub chien jidher fl'għanejn mixrubä,
ma żdied għall aħħar fil kalb minn tagħha
malli giet, iva, b'da's-seif midruba!

24. Ifittex bèda, biex isîb chiecu
l'imkaddsä ħuejġu, biex l'għera tiegħu
dlonc Hŭa igħatti; ma l'iskra 'mgeŭŭħä
chienu ilcoll lesti biex daru miegħu.

25. Minn floc ilbiesu, daŭn dlonc minn geŭŭa,
biċċa maħmuġa bil kżież mimlija,
leŭnha ħamrani, fuk spallejh xeħtu
fîs marru giebu, b'daħc, frattarija!

26. Sbirr ieħor daħal ta's-setaħ f 'camra,
bi cbir għors miegħu chien sâb hemm geŭ,
râs minn ta travu tal injam aħmar:
chif sħabu raŭha b'id-daħc għoxeu.

27. Fuk dan it-travu, bil kiegħda xeħtu;
b'herra katt bħalha, Bin il Kdusija;
ieħor gieb miegħu dakxejn ta kasba
fl'ìd tiegħu kiegħed il leminija.

28. L'għaċċ ta'l vendetta xejn għâd ma'nkâta
mill kalb żonkrija ta daŭ 'l chiefrin;
b'għamil ġdid ieħor, dlonc riedu chiecu
jiddieħcu jerġgħu b'*Geżù* fil ħin.

29. Chif chien bil kiegħda, *Lhud* vili, 'nfami,
biex il ħanina kalbu jaksmulu,
b'ŭiċċ sfiek bdeŭ jagħddu seŭ minn kuddiemu,
b'*Sultan* minn tagħhom huma isejjħulu !

30. Ma chienx biżżejjed, b'xeŭc l'iżjed aħrax,
nisġu curuna f'dac li stess ħin;
b'killa katt bħalha, ġo demmhom fgati,
f'ir râs ta *Cristu* deffsu 'l chiefrin !

31. Ah, Lhud infami ! Haġa 'nsaksicom;
«X'deni għamlilcom katt hŭa mâr,
sabiex bla ħtija, għal xejn b'xejn mortu
lilu intom tisku dana l'imrar ?»

32. Aħ, *Geżù* tiegħi ! F'ir-râs minn tiegħec
curuna 'nkiegħed ta l'isbaħ ŭard,
billi immur nisma u 'nħaddan b'kalbi
it-tagħlim tiegħec fuk dina l'art.

## Il Ghaxar Cant

1. Imriegħda kalbi, chesħa ġo gismi,
ħedla f'riġlejja cont k'ed inħoss
x'ħin sbirr hemm nilmaħ, b'chemm saħħa chellu
chien il curuna f'râs *Cristu* iross!
2. M'ir-râs imkaddsa ta *Geżù Cristu*,
żnieżel ta'd-dmjja iffattxau fîs;
xeûc minn ġo ġbinu, minn sakaf ħalku,
rajtu jien ħiereġ b'dac it-trassis!
3. Xìta kaŭŭjja ta sŭat bla ħniena
fuk dic l'imkaddsa râs bdeu jatuh;
li chiecu 's-setgħa ta l'*Etern Alla*
ma chienitx miegħu, chienu joktluh.
4. F'da 'l ħin, *Pilatu*, ma'l bojjiet tchellem;
is-sŭat fîs żammu, rajt minnufih:
kabad il *Cristu* bil kîma collha,
u fuk, fil loġġa, hŭa mâr bih.
5. Minn din il-loġġa, il baħnan *Hâchem*,
kalbu maktugħa, collu jitriegħed,
mâr hu jitchellem mal poplu *Lhudi*,
chif ma genb *Cristu* chien hŭa kiegħed:
6. «*Arau il Bniedem!*» l'in-nies, kâl hŭa:
«li għal meŭt tridu iccundannat;
minnu, nitlobcom, tigicom ħniena,
għax chien biżżejjed iccastigat.

7. «M'hemmx bżonn ngħidilcom, tafuh biżżejjed,
li dan katt m' għamel dèni lil ħadd.
Chelma ta Hâchem, jien naħilfilcom,
li bħalu tajjeb ma rajt jien katt.
8. «Jien ċar nitchellem; insib da 'r-ragel,
chif ġa għidtilcom, bniedem ħanin;
mela naħfrulu, nibgħatuh barra;
biżżejjed ġarrab dan il mischin!»
9. Chif temm *Pilatu*, din l'aħħar chelma,
bil killa dehret in-nies mimlija,
colħadd ighemghem, jaħlef u jidgħi,
irvell dlonc kâmet u frattarjja.
10. Fuk din il għagħa, *Pilatu* sama' :
«Jecc int il *Cristu* iżżom b'ħabib,
ftacar, ja *Hâchem*, għalih nitolbu
meŭt l' ictar ħârxa, minn ta's salib!»
11. Haŭna *Pilatu*, leħnu mâr samma'
u lilhom kallhom: «Ftacru, m'hux jiena
ktajt is-sentenza l'in-*Nażżarenu* ;
iżd intom tcunu ... klub mingħajr ħniena!
12. «T'*Alla* 'l vendetta, f 'coll ħin jien nitlob,
ma dic ta *Cesri* ucoll flimchien,
li fukcom taka' b'saħħitha taħchem,
għax il meŭt lilu ma 'ncunx tajt jien!»
13. L'indemonjati, nies bl'ebda fehma,
biss uaħda chellhom, li 'l meŭt fîs jatu
lil bin *Marija*: f'dakka 'rvell kajjmu
colħadd igħajjar, jidgħi 'l *Pilatu*!
14. Haŭn, sfâr l'imħallef chif sama' u lemaħ
daŭc l'eluf collha hecc irvellati:
«Stenneu» kalilhom: «okogħdu għall cliemi,
l'actarx f 'idejcom lil *Geżù* nati!....»

15. Il *Hâchem* jakbad l'in-*Nażżarenu*,
fil *Korti* daħħlu rajt minnufih,
sabiex jistħarrġu għall aħħar darba;
b'dan il cliem ħareġ, u mâr staksih:

16. «Mîn jgħidli ħaġa, mîn jgħidli oħra,
ucoll cliem b'ieħor mîn jâf chemm smajt!
Iżda, jien lilec, chif pingeŭc miegħi,
b'ragel mill itjeb żammejt u stmajt.

17. «*Geżù*, xtakt chiecu, minn fommoc nisma:
minn liema nisel tasseŭ int gej ;
fejn chien tŭielidec, ucoll senegħtec....»
*Geżù*, lejh ħares, ma chelmu xej!

18. Sa chemm *Pilatu* tchellem ma *Cristu*,
u chien għamillu di 'l mistoksija,
it-triek, is-setaħ, ta 'l Korti is-sala
chienu maħnukä, nies għeġuigija.

19. Chif râ *Pilatu* li minn f 'fomm *Cristu*
xejn ma chien kala' ħlief l'icbar schiet,
taparsi bèda l'hinn, l'haŭn iħares,
biex b'xi mod jgħatti tiegħu l'incŭiet.

22. Għalhecc, ħass demmu ixegħbu għall aħħar,
sâb ruħu mriegħex b'ta Cristu 's-schiet,
nèsa 'l mgħodrija, u 'mbidlet f 'dakka
f'mibiegħda cbira, fìs kalbu 'ntliet.

21. L'infami 'nxteħet fuk it-*Tron* tiegħu,
ħârsa li tuaħħax fuk *Cristu* xeħet;
ighemghem bèda, chemm chemm jinstâma,
b'ilsienu, b'ħalku lil Lhud hu seħet.

22. Ġa kabad jicteb dic is-sentenza
li biha *Cristu* s'er jgħaddi b'ħâti!
S'er tcun bla ħakk, li 'l vili *Hâchem*
lil Geżù biha meŭt sejjer jati!

23. Aħ, cbir *Mulejja!* Ġa rèħa mn'îdu:
fuk *Cristu* scanta iħares lejh...
xi *Lhud* hemm giegħlu lil *Feddej* tagħna
fl'art hu jinxteħet dlonc għarcubtejh!

24. F'da 'l ħin Pilatu f'ŭidnejh mâr sama'
għajât u għagħa, li scantat baka'.
Daŭ 'l cliem hu samagħ:«*Id-demm minn tiegħu,*
*fuk l'ulied tagħna u fukna jaka'.*»

25. Haŭn ħemda taka'.... Il vili *Hâchem*
Iva'l *Barabba*, mâr ħeles fîs;
b'it-temtim bèda jakra 's-sentenza
contra dac l'*Iben t'Alla* għażis!

26. Hassejt ġo kalbi rgħoda kaŭŭija,
żanżin f'ŭidnejja f'dac li stess ħin,
li cont k'ed nisma dic is-sentenza
minn fomm *Pilatu*; u chienet din:

27. «Inti cont mixli, li tinsâb ħâti,
scont il pajżani u l'imħallfin,
li trid int tħarbat bil fors saltnathom
li tistħokk, iva, lil *Lhud* biss din.

28. «Dan inti tafu, tafu uisk tajjeb,
li ta di's-*Saltna* Cesri 's-*Sultan*;
b'dakshecc int ħadtha contra 'd-digrieti,
fuk li fettillec tmur tagħmel dan.

29. «Għalhecc, jien lilec immur inŭaħħal,
ucoll jien nordna li fli stess ħin,
imsallbä icolloc, ma genbeċ seŭŭa,
il *Gisma* u 'l *Disma*, żeŭġ ħallelin

30. «Il meŭt tcun, iva, fuk il *Calvarju*,
bil herra collha hemm lilec jatu,
lil *Gisma* u 'l *Disma* imsallbin miegħec
Jien President—*Ponziu Pilatu*»

31. Kalb minn ta tigra! Chellec il ħila,
biex tara hienja il chiefrä *Lhud*,
il meŭt mort tati lil *Iben t'Alla*
fuk dic il forca tarah imut?

32. Chif għandec ħîla għainejc tmur tagħlak,
sabiex int tfittex xi ftit mistrieħ?
Int għandec, iva, fîs titlef rasec,
jecc għall ħin ŭieħed titfacar fih!

---

## Il Hdax il Cant

1. Chif is-sentenza, il baħnan Hâchem,
chien hŭa chiteb u kâra mâr,
ġo dic is-sala ċapcip 'nstama'
għors, daħc mill icbar mill *Lhud* fìs sâr.

2. F'is-setaħ ħarġu, collha ferħana,
b'ŭiċċhom sfiek resku lejn *Cristu* krib;
mill bieb dlonc ħarġu tal vili *Korti*,
kuddiemu kgħedu tiegħu 's-salib!

3. Haŭn *Gežù* tagħna, bil ħleŭŭa collha,
is-salib jakbad, ma sìdru iżomm,
b'ferħ liema ħbalu, jitħaddan miegħu,
kuddiem *Lhud* biercu hemm b'tiegħu 'l fomm.

4. Il manigoldi, mitlufä f'demmhom,
mingħajr ma jafu x'inhì mgħodrija,
minn fuk ta *Cristu* li spallejn gibdu
il biċċa ħamra mimliha dmija.

5. Ma chienux għâdhom daŭna cuntenti,
fîs il curuna m'ir-râs neħħeŭlu,
marru 'l-lbies giebu li chellu fuku
li mill ġdid reġgħu fil ħin xeddeŭlu.
6. Liema lsien jista imur ifisser
minn ta *Bin-Alla* dina it-tbatija,
jecc minn coll tokba l'ix-xeŭc chien ħalla
żnieżel rajt jiena ħiergin ta'd-dmija ?
7. Ma b'dana collu, din il curuna
ġo rasu reġgħu mill ġdid xeddeŭ;
sabiex turmenti cbar iżidulu
b'saħħithom collha lilha rasseŭ !
8. B'killa mill icbar, il *Geżù* kabdu
bħala nies, iva, indemonjati,
ħaduh f'idejhom ilcoll bl'imħatra
chemm jista ŭieħed fuk gismu jati.
9. Manigold nara, b'kalb minn ta tigra,
minn nofs il folla bla ħsieb chien nibet,
siegla mâr xeħet f'għonk *Geżù* tagħna,
bi cbira killa lilu mâr gibed,
10. biex għal Calvarju imexxieh jibda
kalb għagħa cbira u frattarija.
Dicment, dan *Sîdna* rajt kabad miexi
siechet, b'is-sabar, fost tant tbatija !
11. Ħsejjes ta tnabar, dakk minn ta't-trombi
geŭŭa ŭidnejja ħassejt fil ħin:
ixandru chienu il meŭt tant ħârxa
ta *Geżù Cristu* tagħna ħanin !
12. Is-salib kabdu, b'salt kaŭŭi xeħtu,
bla l'ebda ħniena rajthom fil ħin,
fuk spallejn *Cristu*; bih bèda miexi
f'nofs *Gisma* u *Disma* il ħallelin.

13. F'dan il ħin, *Anna, Caifa u Erodi*,
f'is-sala chienu ma genb *Pilatu*,
fommhom b'id-daħca, fuk spalltu itaptpu,
il prosit chienu hemm lilu jatu.

14. Ma, krîb is-sala, ı 'ŭaħda mill cmarar,
'nstama' bichi, ilfiek, tnehid;
mill kalb chien ħiereġ tat-tŭajjba *Claudia*,
minn tieka chienet lil *Geżù* tgħid:

15. «Aħ, *Geżù* tiegħi, ma katt cont nemmen
li 'l meŭt *Pilatu* chellu jatic!
Chemm nixtiek iva, jien nigi miegħec
u lè ma tbati jien inħallic!

16. «Ma jien inŭegħdec li nibka inħobboc
u f'għomri collu niftacar fìc;
it-tagħlim tiegħec jibka ġo kalbi
ir-ruħ minn tiegħi mn'issa natic.»

17. Chif sama 'l bichi, *Pilatu* tbergħen,
tħxchel, instamat, stgħageb u sfâr;
ħeles minn sħabu, daħal ġo'l camra,
u ma genb martu, hu jiġri mâr.

18. Fuk siġġu isibha, għaxja mixħuta,
tirtogħod, bla saħħa, kîsha bla ruħ,
sfajra lelluxa, għainejha ċassi,
ŭiċċha hi chellha maħsul b'id-dmugħ!

19. Haŭna *Pilatu*, dakka fuk ġbinu
mâr hŭa jati, collu ħusbien;
kâl geŭŭa kalbu: «Ta l'*Allat* collha
nistħokk is-saħta minn tagħhom jien!.....»

20. Ma martu nħalli kiegħed *Pilatu*,
u 'mmur biex nara daŭc it-triekat,
mnejn għandu igħaddi in-*Nażżarenu*
għal meŭt li sejjer iccundannat.

21\. Il klub żonkrija ta mingħajr ħniena
lil *Geżù* tagħna, maħbub. għażiż,
mat-tarf tal libsa chienu rabtulu,
tavla bil ponot, collha tnigghiż;

22\. biex chif il passi imidd Hu jakbad,
taħbat din tibda seŭ ma riġlejh,
u ma coll lakta li tolkot magħhom
tibda tiġroħlu l'imkaddsa għarkbejh.

23\. Sŭat kalil, chiefer, tiġbid bla ħniena,
*Geżù* bla saħħa, mejjet għajjen;
tfixchil minn banda, tcasbir mill oħra,
b'ŭiċċu fl'art jaka' dlonc rajtu jien!

24\. B'din it-tisbita, il *Feddej* tagħna,
il maħbub *Iben*, ta l'*Etern Alla*,
minn geŭŭa rasu, ucoll minn mnieħru,
ta'd-dmija xmara uarajh *Hu* ħalla!

25\. Id-demm li dejjem il klub immansa,
compla chebbishom mâr fil chiefrija,
b'dakkjiet bla ħniena kajmugħ f'salt uieħed
fost l'icbar killa u frattarija!

26\. Aħ, *Geżù* tiegħi, jien biss k'ed ngħadrec,
u b'kalbi collha nibchic b'id-dmuħ;
b'kalbi ucoll collha niżżichajr kiegħed,
għax int k'ed tifdi minn tiegħi ir-ruħ.

27\. Colħadd igebbed, iross u jati,
sa flaħhar uaslu il bojjiet bih
f'mincheb ta trejka, chemm chemm m'hux mejjet
b'is-sŭat, bil għaja, moħkrjja, ugieħ !....

28\. Aħ!.. x'kiegħed nara, o çbir *Mulejja* !..
Tnejn minn nies gejjä....għâdhom ftit l'ura...
Mill ŭiċċ, m'is-sura, ucoll mill mixja,
tidher li kalbhom tinsab micsura!

4.—Nichet u Ferh!

20. O klub bla ħniena, idejchom żommu !
dakxejn icollcom minn tal mgħodrija,
għax għoddhom ŭaslu tnejn min-nies fukcom:
ŭieħed hu *Ġŭanni*, l'oħra *Marija* !

30. Haŭn, omm in-nichet, il folla tifred,
il *Gеżù* takbad, magħha ħaddnìtu,
b'imħabba safja, b'ugiegħ ġo kalbha,
fuk il ŭiċċ tiegħu marret bisìtu.

31. Sbirr ta bla ħniena, mitluf m'is-sensi,
li kalbu chellu bil morr mimlija,
dlonc j..rfa 'rcobtu, b'saħtu ixejjirha,
jixħet minn tulha fl'art il *Marija* !

32. Haŭn l'ugiegħ chiefer ta l'omm imniccta,
mictub chien jidher fl'għainejn mixrubä ;
ma żdied għall aħħar fil kalb minn tagħha,
malli giet, iva, b'da's-sejf midruba!

## It-Tnax il Cant

1. *Marija, Omm Alla*! Xbejba bla tebgħa,
li 'l gilju 'mxebbħa minn ta 'l ŭiedjien,
minn *Lhudi* vili, b'dakka ta rcobba,
fl'art giet mixħuta lilha rajt jien!

2. *Marija, Omm Alla* ! Dic li mill jasar
. . . . . . . . . .
ta 'l *għàdu* tagħna ħelsitna fîs.
maħkura u 'mcasbra jien k'ed naraħa,
għax tagħha bieset l'*Iben* għażis!

3. *Marija, Omm Alla!* Dic li minn kabel
ta l'art u 's-sèma chien il ħolkjen,
chienet maħtura fi ħsieb *Mulejna,*
sejf kalbha jinfed k'ed nara jien!

4. *Marija, Omm Alla* ! dic li *Mulejna!*
b'għakal u tieba mâr żejjen *Hu,*
f'idejha xeħet il grazzi collha,
Omm *Hu* għamilha t'*Ibnu Geżù,*

5. Jien kiegħed nara l'ugiegħ cbir tagħha,
li ma jitfisser minn ebda ruħ,
mictub biss jidher fl'għainejn mixrubä,
mill bìchi tagħha ta mingħajr dmugħ!

6. Ġo kalbha tibchi, mistrieħ ma chellha,
billi hi xtieket li tbati miegħu,
ma 'l passi tagħha bakgħet sa l' aħħar
tgħodd ma l'imkaddes mìxi minn tiegħu.

7. Aħ, *Geżù* tiegħi, int tista collox,
taffi nitolboc t'ommoc *Marija,*
daũc id-duluri li kiegħda iġġarrab,
li bihom kalbha tinsab mimlija!

8. Int xi ftit minnhom ixħet ġo kalbi,
sabiex mogħdrija bla tarf inħoss,
dejjem niftacar f'it-tiġrib tiegħec,
b'fidi kaũũija ma kalbi 'nross.

9 Sabiex ġurnata daũn id-duluri
imbierec jiena b'idejja 't-tnej,
mita issejjaħli minn geũũa 's-sèma,
u fìs narani ma ġenbec ġej.

10. Daũc il-Lhud beżgħu, beżgħu bil bosta,
li se' tmutilhom, *Geżù,* f'nofs triek:
colħadd imdendel fuk salib jara,
mitmum hemm lilec bil kalb ferm xtiek!

11. Minn ta' triek mincheb, dakxejn ta raħli,
mibgħut m'is-sèma dan hūa chien:
mibluh iffattxa, lejn *Gežù* iħares,
b'għainejh imdemmgħä ilmaħtu jien!

12. Mgħodrija u ħniena ħass geūūa kalbu
lejn l'*Iben t'Alla, Cristu Gežù*;
għalchemm dan b'ismu katt ma chien sama'
u inkas chien jagħraf igħid mîn hu.

13. *Lhud*, vili, chiefrä, għainejn tal iskra,
dicment għal fuku, daūn mmarru ġreū;
ġagħlugħ hu jati għajnuna 'l *Cristu*,
fi cliemhom killa dlonc lilu ureū.

14. Għall eūūel *Xmuni*, ħabat jiddarras,
ma mħabba f'kalbu ħass f'dac il ħin:
imħabba safja lejn *Bin Marija*,
mibegħda cbira lejn *Lhud* chiefrin.

15. Dmugħ bèda ixerred, maħfra ucoll jitlob,
għaliex dan emmen, f'dac li stess ħin,
li bl'għamil tiegħu chien s'er iūieżen
lil *Gežù Cristu, Alla* ħanin.

16. Saħħa ħass, iva, ħîla katt bħalha,
li chienu gejjä minn ġo's-smeūūjiet,
li's-salib rafa' u sa'l kuċċata
minn ta'l *Calvarju* iūassal ried.

17. Xi cbira xorti chellec, ja *Xmuni*,
ma *Gežù* tarfa tmur is-salib;
il barca collha ta l'*Etern Alla*
f'd'id-dinja u fl'oħra int sgur issib.

18. L'isem minn tiegħec, jibka jissemma
b'imħabba u kîma u bl'icbar gieħ:
għâd, iva, 'l bniedem, lejc jirricorri
biex minn ġo's-sèma titlob għalih.

19. Il *Geżù* tiegħi, megħjun minn *Xmuni*,
imidd il passi, rajt jien il fuk;
mîn bèda igebbdu, mîn bèda isaŭŭtu
bil ponn fuk dahru il fuk isuk.

20. Chien ġa *Hu* għamel, mixja ftit tŭila,
x'ħin màra tajjba ħarget m'id-dâr,
mixgħul sidirha bi ħniena ċbira
lejh hija resket, tatu li *stâr*.

21. *Geżù* bil ħleŭŭa, b'ħârsa ta 'l ħniena,
medt l'îd minn tiegħu il-lemenija,
li *stâr* ħadilha, bih ŭiċċu mesaħ
u fih mâr ħalla l'imkaddsa xbija!

22. Aħ, *Berenici*, kuddiem is-sèma,
dan l'għamil tiegħec icun milkuħ;
ix-xorti icolloc li ŭara meŭtec
minn tiegħec tara ġo fih ir-ruħ.

23. Għax *Geżù Cristu*, l'*Iben* minn t'*Alla*
għamil bħal dana ma chienx jistenna;
ma, xejn la taħseb, ta di 'l mgħodrija
ġa *Hu* ħejjielec siġġu fil ġenna.

24. *Lhud*, fl'aħħar ŭaslu b'in-*Nażżarenu*
seŭ seŭŭa chienu ġo l'idjak triek,
x'ħin jiena rajtu fl'art b'ŭiċċu l'isfel
bl'iżjed chiefrija, b'dakka ta siek!

25. Aħ, *Geżù* tiegħi! Ma niflaħx iżjed....
bil kalb nitolboc għajnuna f îs:
ma nistax iżjed nara lil demmec
l'art ħŭa jaħsel, demm tant għażis!

26. Ma, *Geżù* tiegħi, dan inti tridu,
sabiex jien nibka niftacar fîc,
inħobboc nibka f 'tûl ħajti collha,
biex geŭŭa's-sèma nigi 'ngaŭdic.

27. Jien mn'issa 'nŭieghdec, katt u katt iżjed,
minn taħt għainejja immur nerħic,
innakkxec f'kalbi, imnakkax tibka,
biex sgur katt jiena, ma immur ninsic.

28. B'din it tisbita, ħalku dlonc ħabat,
għâxi, bla saħħa, baka' mixħut,
żrar daħal f'uiċċu ta'l gebel kaŭŭi,
u colħadd ħasbu kiegħed imut !

29. Haŭn xi *Lhud* beżgħu: il polz messeŭlu,
għaliex chien jidher chemm chemm m'hux fgât;
oħrajn biex jidħcu, trab xeħtu f'ħalku,
chif raŭ li ŭasal chien f 'dac li stât.

30. Aħ, maħbub tiegħi, *Gezù* ta' kalbi,
chemm nixtiek, iva, għajnuna 'ntîc ;
int ma trid minni ħlief biss inħobboc,
u f' għomri collu niftacar fîc !

31. Ta sŭat bdiet xìta, f'da 'l ħin seŭ fuku,
riġlejh ilŭeŭlu għal fuk spallejh,
ma l'art ħabtulu il fomm minn tiegħu,
bil ponn bla ħniena taŭh fuk genbejh !

32. B'da 't-tisbit, iva, snienu, jaħasra,
collha tħarrculu f'dac li stess ħin,
ŭiċċu 'ntefaħlu, xuftejh inkasmu;
*Lhud*, lejh iħarsu collha henjin !

# It-Tlittax il Cant

1. *L'Iben* minn *t'Alla*! *Dac* li *Mulejna*
sâb *Hu* minn tiegħu il għaxka fih,
narah k'ed jiena maħsûl b'id-dmija,
micsi bil ġrieħi, kalb cbir ugieħ!

2. *L'Iben* minn *t'Alla*! *Dac* li b'coll ħniena
f'dan l'għammiek niżel minn ta's-smeŭŭjiet,
ta bniedem sûra ħa f'ġuf *Marija*,
imħabbtu lilna *Hu* juri rīed.

3. *L'Iben* minn *t'Alla*! *Dac* li tŭelidu
mill *Patriarchi* imħabbar chien,
bla saħħa imŭakka, bla ħadd ma jagħdru;
maħkur u 'msaŭŭat k'ed narah jien!

4. *L'Iben* minn *t'Alla*! *Dac* li ġiè inissel
imħabba safja f'kalb il bniedmin,
narah jien kiegħed, marbut u mgħajjar,
f'nofs żeŭġ kattielä u ħallelin!

5. *L'Iben* minn *t'Alla*! *Dac* illi b'għerfu,
għaggeb ta'l *Ligi* lil li stess xjuħ,
b'ragel mill eħżen, b'saħħâr, bla għakal,
b'miġnun u b'għàdu riedu jagħdduħ!

6. *L'Iben* minn *t'Alla*! *Dac* illi b'chelmtu,
l'ilma, 'n-nâr, l'arja, l'art dlonc jobduh,
fuk il *Calvarju* nara il-*Lhud* vili
bih sejjrin hŭma biex itemmuh!

7\. Iggranfaŭ f 'xuxtu b'saħħithom collha
biex irnexxielhom minn l'art kajmuh;
sabiex jissoccta il viaġġ minn tiegħu,
b'tal ħadid virghi bdeŭ isaŭŭtuh!

8\. Chif bèda miexi,c'.emm chemm m'hux mejjet,
f 'nofs *Gisma* u *Disma* il ħallelin,
katgħa ta nìsa jara lejh tersak
bl'isem jissejjħu ta neŭŭiħin

9\. In-*Nażżarenu*, dlonc ħares lejhom,
bil ħleŭŭa collha mâr lilhom kâl:
«*Oh, xejn, ja nìsa, xejn tibcu fuki;*
*fukcom biss neŭŭħu u fuk it tfâl!*»

10\. Chif *Geżù* tchellem ma daŭc in-nìsa,
bil ġrieħi micsi kiegħed imut,
*Hu* ràġa bèda il mìxi tiegħu,
bil ħbula mkammad u mistrinġut!

11\. Ŭara da' 'l mìxi bla ħniena 'mcasbar,
saħħa ġo gismu xejn ma chien bàka,
ta'l manigoldi b'dakka ta mincheb,
għall aħħar darba rajtu jien jàka!

12\. Mixħut minn tûlu, ma tħarricx iżjed,
għaliex chien kìsu gisem bla ruħ;
ma 'l vili u'l chiefrä ta manigoldi
fîs sa'l kuċċata huma carcruh!

13\. Bħal ħafna ljuni, chif fuknett ùaslu,
ilcoll chemm chienu, nġàbru miegħu,
daŭ 'l ħafna infami, bla gieħ, bla ħniena,
ineżżgħugħ bedgħu mill ħŭejjeġ tiegħu.

14\. Din, iżda, 'l-libsa, mimliha dmija,
daŭn ħarġuhielu bħal ħafna lpup;
billi ma'l ġrieħi hi għakdet chienet,
dlonc kalgħuhielu rajt bil maklub!

15. Billi bil bosta il ġrieħi chienu,
u 'mtertak bihom il gisem tiegħu,
ma'l-lbies li chellu jien chelli nara
bcejjeċ tal laħam imuaħħlin miegħu!

16. Biex marru kalgħu minn fuku 'l libsa,
daŭn il midgħejä minn ta chiefrin
chien jinħtiegilhom illi 'l ċuruna
ineħħu lilu f 'dac li stess ħin.

17. Mill ġdid il chiefrä, bi cbira rassa,
f'r-râs ta *Cristu* marru xeddeŭ
dic il curuna; ħal giebu f'biekja
bil morr imħallat u lilu skeŭ!

18. Ma m'hux biżżejjed chien dana collu;
b'ŭiċċhom żorr collu miġburin miegħu,
bi cbira regħxa, b'ugiegħ ta kalbu,
kuddiemu lgħabu il ħuejjeġ tiegħu!

19. In-*Nażżarenu* is salib jara
fl'art mixħut kiegħed, chien lest għalih;
ma xejn ma tħaŭŭad l'*Iben* minn t'*Alla*,
iżda, jien rajtu hemm jifraħ bih!

20. L'għainejn minn tiegħu il fuk *Hu* ràfa,
talba dlonc għamel lil Missier tiegħu;
fl'art Hŭa 'nxteħet, bies b'kalbu collha
u is-salib għannak u ħaddnu miegħu!

21. *Geżù* bil ħleŭŭa, b'is-sabar collu
inxteħet fuku għoddu bla ruħ,
sabiex l'egħdeŭŭa fuk dic il għuda
bl'icbar ħruxija jibdgħu isammruh!

22. Il martell bèda ġa isamma ħossu,
minngħajr xejn ŭiri minn ta mogħdrija;
kiegħdin isammru l'imkaddsa îd chienu
ta'n-*Nażżarenu*, il leminija!

23. B'dic li stess killa, kabdulu l'oħra
u b'ħabel ŭietak, fîs rabtuhielu;
għax lè ma laħket għal kies ta't-tokba,
minn fuk li spalla daŭn żlugaŭhielu !

24. Haŭn, l'ugiegħ chiefer ta l'Omm imniccta
mictub chien jidher fl'għainejn mixrubä,
ma żdjed għall aħħar fil kalb minn tagħha
malli giet, iva, b'da's-sejf midruba !

25. *Lhud*, nies tal ħażen, ta ruħ imkagħbra,
għal ftit ħin ŭakfu, iħârsu lejh;
bħal lpup imgeŭŭħa, inxteħtu fuku
ucoll bli 'msiemer ŭaħħlu riġlejh !

26. F'ta *Cristu* 'l gisem, b'għageb ċbir tiegħi,
bosta mill vini rajt jinfetħulu,
l'għadam inchixef, sìdru kabīslu,
custiljieh collha dehru 'nchixfulu !

27. Mill ħofra chienu xi ftit bgħid għâdhom,
safejn daŭn chellhom huma iŭassluh,
għall ŭiċċu l'isfel kalbuħ bla ħniena
erbgħin pass daŭna ma l'art caxcruh !

28. Ma lè xebgħana.... ma xebgħux għâdhom!
malli ix-xgħol tagħhom huma lest raŭ,
b'daħc li 'l kalb jidrob u dmugħ fîs jislet,
lil *Geżù* rajthom jien arbulaŭ.

29. B'saħħa ta ljuni, b'kalb minn ta tigra,
heżżiż mill akŭa, bdeŭ bosta ituh;
biex geŭŭa kalbu l'ugiegħ *Hu* iħossu,
b'sabta fil ħofra malajr xeħtuh !

30. Ma d'it-tisbita kaŭŭija għall aħħar
il ġrieħi jiena rajt jiċċartulu,
il bojjiet ħżiena, lejhom iħârsu,
imbeżżghin chienu li jiŭ'essgħulu.

31\. Tasseŭ li chienu bil bosta iċċartu,
għaġeb chien, iva, li 'mdendel bàka!
Colħadd hemm stenna li in-*Nażżarenu*
minn hemm fuk *Hŭa* għall isfel jàka!

32\. *Geżù* ta kalbi, *Feddej* minn tiegħi,
liema hu 'l bniedem li jibka 'ngrât,
mita kuddiemu lilec hu jılmaħ
imŭassal, iva, f'dan l'aħrax stât?

—※—

## L'Erbatax il Cant

1\. *Geżù* ġa 'msallab! *Geżù* ġa kiegħed
fuk l'għuda 'msammar fl'icbar tbatija;
ma jecc dic kalbu imur jiftħilna,
b'imħabba safja naraŭ mimlija!

2\. *Lhud* invażati ħabtu s'er jibżgħu
għax iżjed x'jagħmlu ma bakegħlhomx,
is-sŭiegħel giebu, lil *Geżù* rabtu,
biex sgur hemm jibka ma jakegħlhomx!

3\. B'mistħija cbira, b'għajb li ma bħalu,
ta *Geżù* tagħna, maħbub ħanin,
marru kiegħdulu ma genbu 'msalbä
il *Gisma* u 'l *Disma* żeŭġ ħallelin!

4\. Haŭn, ħemda tàka; schiet ta cbir għageb,
*Geżù* 'l fuk jarfa is-sbieħ għajnejh;
s'er jiftaħ fommu, ġa s'er jitchellem,
colħadd iħares, mistagħgeb lejh!

5. Dlonc leħen kaŭŭi, ta ŭieħed b'saħtu,
colħadd ċar semgħu, u fehmu seŭŭa.
Talba din chienet li'l colħadd għaġġbet,
talba ta tieba, talba ta ħleŭŭa.

6. «*Missier*, kâl *Hŭa* : *b'kalbi nitolboc*,
*lil daŭn l'egħdeŭŭa*, *fìs maħfra int âti;*
*iftacar l'huma f'id-dlam jinsabu*
*u li għalihom kiegħed imbati.*»

7. Aħ, *Geżù* tiegħi! Chemm kiegħed tferraħni,
mìta k'ed taħfer int lil bojjiet!
Nitolboc, mela, lili ucoll taħfer;
tħallix l'incasbrec b'tiegħi 'l ħtijiet.

8. Jiena fîc nemmen, inħobb biss lilec,
fîc inħoss l'għaxka collha minn tiegħi;
tħallix li jiena minnec ninfired;
nitolboc tibka għal dejjem miegħi.

9. Chif temmejt, iva, d'it-talba tiegħi,
id-dmugħ mn 'għajnejja kabeż fil ħin;
ħassejt ġo kalbi bħal għafsa cbira,
bħal ħedla f'gismi u ħass ħażin.

10. Inxtħett fuk gebla, b'għainejja ċassi,
lejn l'Iben t'*Alla*, fuk is-salib;
fejn ftit żmien ŭara, dakxejn mort klajthom,
ragel ma genbi, ftit tŭil insib.

11. Xuxtu fuk għonku, mixħuta chellu,
mustacci u leħja tŭal u mżeŭŭkin,
ŭiċċu samrani, imnieħru 'nfattar,
għainejh cbar, sŭŭed, ftit imberrkin.

12. Farrett fuk ġbinu, ghirfa ġo ŭiċċu,
ghidma ġo xoftu, nofs infejjkin,
ŭidnejh ftit ħomor, demm niexef chellhom,
minn barra u geŭŭa 't-tnej mċappsin.

13. Chien jidher ragel minn ta kattagħni,
li bħalu f'għomri katt ma cont rajt :
ngħid is-seŭŭa, li chif ilmaħtu,
giè xi ħassibni u minnu bżajt.

14. Uara ftit, dana, giè seŭ kuddiemi;
bèda jiflini collni b'għainejh ;
ridt chiecu jiena niscarta minnu
bla ma ridt, iżda, bkajt scantat lejh !

15. «X'jidhirlec ?» kalli : «tlieta sej neħħu !
Daŭc tal ġnub, iżda, ma għamlu xejn.
Tfâl ftit fuk ruħħhom, mill ŭaħx ma jibżgħu,
ma ħajt imcaħħal jitilgħu it-tnejn.

16. «Jien ċar nidħaddet : illum ŭasalna
biex ŭieħed jakla x'jiecol buccun,
jiħtieġlu jisrak, jimbrolja u joktol ;
l'imgħarrak ichel irid icun !

17. «Dac li k'ed f'nofshom, smajt bih ŭisk drabi,
jinkala' bosta għa's-sħarijiet ;
iżda, ta l'ibleh mâr hu għamilha,
lil *Saltnet Cesri* iħârbat ried.

18. «Għax ma sabx lili, ħmistâx jiem îlu:
Għajnuna natu conn'na 'l xulxin ;
l'arma ta *kuma* inchissru u 'nfarcu,
u taħt sakajna nagħmluha dħin?

19. «Li chelli lilu, ngħidlec is-seŭŭa,
ħmistax seŭ îlu, ma contx ma't-tfâl,
il ħsieb ta moħħi chien sgur jirnexxi,
sgur ma chienx jibka mill arma fdal.

20. «Eh, sieħeb, x'ŭaħda chien s'er jiġrili !
Għal meŭt ġa chienu s'er jatgħuhieli;
ma billi ŭeħel *Geżù* minn flochi,
lili telkuni, dlonc ħafruhieli.

21. «Issa ħarġuni; taħt l'art cont kiegħed,
ġugħ, għattx, tbatija li bħalhom katt;
sachemm Barabba, jibka Barabba,
sa din is-siegħa ma ! eżżgħu ħadd.

22 «Itlak, *Barabba*, marru kaluli:
biex ilbist ħŭejjgi chemm chemm ilħakt!
Ġa 's-siegħa dakket, îli mill bieraħ,
nista ngħid jiena, inkas trejjakt.»

23. «Isma, *Barabba*, x'chien lè ma is-seŭŭa?»
kbiżt għidtlu jiena, hemm fli stess ħin:
«Dac l'hemm imsallab f'nofs *Gisma* u *Disma*,
smajtu igħid lilna: *Hobbu 'l xulxin!*

24. «*Dac* l'inti tajtu ta saħħâr l'isem,
*Hu* 'l maħbub *Iben* minn ta *Marija*;
*Hu* dac li tŭieled fil *Għâr* ta *Betlem*,
*Hu Geżù Cristu*, tagħna 'l *Messija*,

25. «*Dac* hŭa l'*Iben* ta l'*Etern Alla*,
niżel m'is sèma u imħabba fina;
sabiex mill *għàdu* imur jieħlisna,
ried demmu iċarċar u bih jifdina.»

26. «Jecc hu *Bin Alla*,» ŭiegeb *Barabba*,
«u fl'*Għâr* ta *Betlem* tŭieled hu chien;
ġo ghirna immermra seŭ f 'nofs ta għalka,
chienet tgħid ommi li tŭielidt jien!

27. «Tridx nagħmlu ħaġa . . .»issocta igħidli:
«fil kasir naktgħu, cliemna icun ftit?
Tini xi ħaġa, minn dac li tista;
ħakk . . . ftira seŭda u belgħa imbit!»

28. Haŭn karmeċ snienu.. .chien s'er jiġbidha!
Jien cont pront tajtu minn dac li stajt.
Inkas biss saħħa!.. Telak ighemghem,
fîs minn kuddiemi idub jien rajt!

29. Haŭn komt bil ŭiekfa, naħseb f '*Barabba*,
u'l cliem li jiena minn f'fommu smajt;
u f'dic il chelma ucoll ta *sieħeb*,
li chif mort smajtha, imgħaggeb bkajt!

30. Ma ftit domt naħseb f'da 'l ħâli bniedem,
għainejja ŭakgħu seŭ seŭ fil ħin
fuk *Geżù Cristu*, il maħbub tagħna,
x'kiegħdin jagħmlulu il *Lhud* chiefrin.

31. Daŭn il kalilä, ta ruħ imcasbra,
l'ebda biss ħniena għalib ħasseŭ:
bakgħu jiddieħcu b'in-*Nażżarenu*,
b'moħkrija ġdida jaħkrugħ daŭn bdeŭ.

32. Min bèda icaklak, bħalchiecu iriegħed,
ta *Geżù Cristu*, rajt is-salib,
li b 'da 'l mod chiefer, id-demm ittajjar,
u laħak ħasel il mîn chien krîb.

—⁂—

## Il Hmistax il Cant

1. Aħ, *Sinjur Alla*! Chemm nixtiek, iva,
b'tiegħec l'imkaddes demm jien nixxarrab!
Li cont jien ŭieħed minn daŭc *Lhud* chiefrä.
cont chieçu ħena tal genna nġarrab.

2. Ma chienx biżżejjed l'għajb ta li sbirri,
cliem nistħi ngħidu f'ŭidnejja nisma
mill fomm chien ħiereġ minn ta'r-ruħ seŭda
ta dac l'infami, il ħalliel *Gisma*!

3. Dana, fuk collox, mâr kâl lil *Cristu* :
«Jecc hu ta's-seŭŭa l'int il *Messija,*
għax hemm fuk tibka, ma teħlix lilec
u lilna miegħec minn d'it-tbatija ?»

4. Ma, cliem ta ħleŭŭa, ta *Fidi* ħajja
ŭara ftit jiena, hemm chelli nisma :
«Icolloc ħniena, *Muleija*, int minni!»
Dan minn fomm ħareġ tal ħalliel *Disma* !

5. Haŭn *Gežù Cristu* lil *Disma* uiegeb:
«*Illum tcun inti fil genna miegħi,*
*fejn tibka 'ssaltan hemm geŭ għall dejjem*
*ma l'Etern Alla, missier minn tiegħi !* »

6. Aħ, *Gežù* tiegħi! x'tagħlima ħelŭa
mill fomm minn tiegħec jien chelli nisma!
Inuiegħdec, iva, li katt ma nonkos
mill cliem li kallec il *kaddis Disma*;

7. għax int bi cliemec mort ſîs kaddistu;
fidi kaŭŭija, inħoss ġo fija
li nibka nemmen b'nâr minn ta mħabba,
li bl'icbar ħniena kalbec mimlija.

8. F'dan il ħin, iva, *Gežù* hemm jara
kuddiemu kiegħda minn tiegħu l'omm
ma l'għažiż ċchejchen *Appostlu Ġŭanni*
dlonc mâr kalilhom *Hu* b'tiegħu 'l fomm:

9. «*F'idejc jien nerħi, il Ġŭanni, o Màra,*
*int žommu b'ibnec fil loc minn tiegħi ;*
*f'idejc, ja Ġŭanni, nerħi jien l'Ommi,*
*talli inti ŭaħdec kgħadt s'issa miegħi !*»

10. «Aħ, *Gežù* tiegħi! x'tagħlima tajtni!
Aħ, xi smajt issa mill ħanin fomm!
Nâf xi trid inti; li katt ma nonkos
minn dic il kîma li tistħokk l'omm.

11. «Haŭn, jien inŭiegħdec, o *Geżù* tiegħi,
Int *Feddej* ħelu, ħanin *Messija*,
ma 'nżommx b'omm oħra f 'da 'l ŭied ta'n-nichet
ħlief il maħbuba ommoc *Marija*.»

12. *Geżù* 'l fuk għolla l'għainejn minn tiegħu,
b'leħen ċar, kaŭŭi, mâr *Hu* kâl fîs:
«*O Missier tiegħi, l'għaliex int tlaktni?*
*ftacar, nitolboc, f'ibnec l'għażis.*»

13. *Geżù* ta kalbi, int b'demmec fdejtni,
insib jien, iva, il għaxka f îc;
agħmel, nitolboc, li sa 'l meŭt tiegħi
katt ma nitŭarrab, katt ma 'nħallîc.

14. *Geżù* haŭ jarġa, dac fommu ibexxak,
sabiex igħid *Hŭa*, daun il chelmjiet:
«*Għattx għandi jiena, u mitmum collox!*»
Infdied id-dinja, ifisser ried!

15. Aħ, maħbub tiegħi! l'għattx l'inti għandec,
hu l'inti tifdi tmur lil erŭieħ.
Aklagħli inti li geŭŭa 's-sèma
nara l'ir-ruħi kiegħda f 's-sħieħ!

16. U b'hecc nittama li xeŭktec nakta,
mita fil genna tarani gej;
hena għalic dina, għax tmur tiftacar
li le ma 'mxerred demmec għall xej.

17. F'tarf minn ta kasba, b'daħc li 'l klub jaksam,
rcabtaŭ sponża, miegħu rabtuha,
fil morr xappuha, u bla misthija
seŭ seŭ ma fommu huma resskuha!

18. Aħ, chefrin l'intcom! ħârsu lejn sîdcom
ħex gibtuh intom, ja xellerati!
Ġa 'nifsu jiena ked nara jonkos
ġa ruħu ħierġa, kiegħed ibati!

19. Aħ, rattbu klubcom, ja nies mitlufä!
jien kiegħed nara, sìdru kabislu ;
ħârsu lejn ŭiċċu chif bjad u 'nżibec,
fil ħofra jidhru għainejh ġa niżlu!

20. Iva, biżżejjed, klub minn tal ħażen;
ftit ta dmugħ xerrdu u ħârsu lejh;
għainejh ġa jidhr': kiegħdin jingħalku,
saru ucoll coħol nara xoftejh!

21. Ma, *Geżù* tiegħi, kabel int tmutli,
kankal indiema fl'għedeŭŭa tiegħec,
biex daŭna imorru jibcu dnubiethom,
u geŭŭa il genna toħodhom miegħec.

22. Il barca tiegħec xerred int fukhom,
fuk l'ulied tagħna u fukna 'lcoll,
ftacar nitolboc, li xerridt demmec
sabiex mill jasar id-dinja tħoll.

23. F'dan il ħin seŭŭa, is-sèma tħaŭŭad,
f 'salt ix-xemx għâbet, dlam ċappa ŭàka !
Colfejn cont tħares, bìża chien jakbdec;
biss *Geżù* 'msallab hemm jidher bàka !

24. Haŭn *Geżù Cristu*, fl'aħħar mâr tchellem
ma'l *missier*, iva, *Etern* minn tiegħu
bl'aħħar nifs tiegħu li chien bakagħlu,
u b'leħen kaŭŭi, hecc tchellem miegħu:

25. «*O Missier tiegħi, ma fadalx iżjed*
*għalfejn jien nibka haŭn fuk imbaŭi;*
*nerħi ġo ħdanec ir-ruħ minn tiegħi*
*nitolboc maħfra l'għedeŭŭa tati !*»

26. *Geżù*, haŭn jixħet ħârsa ta 'mħabba
fuk il maħbuba minn tiegħu l'Omm.
Ried joħroġ chelma, ma lè hu sàta:
chien ġa 'ntgħalaklu minn tiegħu 'l fomm !

27. Haŭn, l'ugiegħ chiefer ta l'Omm imniccta,
mictub chien jidher fl'għainejn mixrubă;
ma żdied għall aħħar fil kalb mîn tagħha
hecc chif giet, iva, b'da's-sejf midruba !

28. F'da 'l ħin, rajt jiena li kalbu ŭakfet !
Fuk tiegħu is-sìder bosta ħanin
bil kajla 'l kajla hu rasu mejjel...
*Ġeżù* miet, iva, seŭ seŭ f 'dà 'l ħin ! ! !

29. Haŭn, il chiefrija, għâd lè mistrieħa,
l'in-*Nażżarenu* mejjet chif rât,
marret kasmitlu bl'icbar ħruxija
il ħanin, ħelu, tiegħu custât !

30. Chif dân is-sìder, għajn ta l'imħabba,
l'Omm ta coll nichet rât hi miftugħ,
inkasmet kalbha, li għal ftit ŭieħed
ma 'nxteħtitx, iva, fl'art mingħajr ruħ !

31. Ma *Ġŭanni*, għenha minn taħt spallejjha,
mifxul, imbellah, scantat, miblugħ,
ma's-salib hŭa mâr fìs poggieha
iħares lejha għainejh b'id-dmugħ !

32. Tħeżhiża ċchejcna ta l'art inħasset ;
coll ma tmŭr chienet tinħass tiżdied,
tkankila għamlet li'l colħadd ŭaħħxet !
ŭiri chien tagħha li 'd-dinja 'nħdiet !!!

## Is-Sittax il Cant

1. Chif it-theżhiża ta l'art intemmet,
raġġ ta'x-xemx deher f 'ŭiċċ is-smeŭŭjiet,
li b'id-daŭl tiegħu ta ġmiel katt bħalu
kered il cruha ta'd-dlamijiet !

2. Dân ir-raġġ safi, bil kaŭŭa tiegħu,
il kalb mâr lakat tal midimbin,
li bi cbir għageb rajt jiena lilhom,
minn l'ictar ħżiena saru tajbin !

3. Mîn chien jitriegħed, mîn l'għarak jimsaħ,
mîn chien jixxotha id-dmugħ mn'għainejh,
mîn chien iħabbat kiegħed fuk sìdru,
mîn kuddiem *Cristu*, iħares lejh !

4. Mîn chien ighemghem contra *Pilatu*
ta'l meŭt ta *Cristu* li'l ħtija hu chien ;
mîn chien ġo rocna, lejn l'art iħares,
jitchellem ŭaħdu, scantat, ħusbien !

5. Irgiel ifittxu l'in-nìsa tagħhom,
in-nìsa igħajjtu tagħhom l'ulied;
l'ulied mitlufä kalb daŭc il folol,
ifittxu u jibcu lil ommijiet.

6. Ktajja ta nìsa ma rgiel imħalltä,
f'nofs dic il għolja kiegħdin ŭiekfin,
xi castig hŭma m'is-sema jinżel,
jistenneŭ chienu collha 'mbeżżgħin !

7. F'da 'l ħin, *Pilatu*, tal *Palazz* tiegħu
chien tiela 't-taraġ, kalbu bil ħemm ;
ma żdied għall aħħar chif hŭa lemaħ
dâc irħam micsi b'ta *Cristu* 'd-demm !

1. Ma genbu lemaħ nìsa jitniehdu,
u ragel xŭejjah mixħut f'riġlejh,
b'idejh imgħakkdä kiegħdin fuk sìdru
u ta dmugħ xmaijar nieżlin mn'għainejh.

9. Dan chien *Giuseppi* mn *'Arimatea*,
ħabib ta *Cristu* bil moħbi chien;
il grazzia kàla, f'idejh hu jeħu
ta *Geżù* 'l gisem, rajt fil ħin jien.

10. Haŭn, jiena noħroġ minn dâr *Pilatu*,
niġri chemm niflah lejn is-salib ;
ktajja miġburä chif ŭasalt hemma,
ta rġiel u nìsa, ta tfâl insib !

11. B'għanejja ċassi, Omm ta coll nichet,
tirtgħod bħal kasba, b'ŭiċċha mixrub,
bil kiegħda chienet fl'art għodda mejta,
tħares lejn Binha, *Geżù* 'l maħbub.

12. B'kalbi minfuda minn banda għall oħra,
nibchi chemm niflaħ hemm infexxejt ;
bla ma ridt, iva, dort fuk l'*Lhud* jiena,
nolfok nitniehed mort lilhom ngħid:

13. «Mortux urejtu il killa tagħcom,
contra dan l'*Iben* minn ta *Marija* ?
Issa strieħejtu; morru għall xogħlcom,
bil hena għandcom kalbcom mimlija !

14. «Ma, ftacru, dejjem, u f'moħħcom żommu,
ta mita ŭakgħu id-dlamijiet,
li colfejn contu, ŭiċċcom iddaŭŭru,
tarau kuddiemcom collimchien suied.

15. «Dan *Geżù* tagħna, bi cbira mħabba,
biex daŭl mâr tacom ma collimchien,
ta'n-nâr colonna mâr hu tellgħelcom
hemm f'ŭiċċ is-sèma dlonc fli stess żmien !

16. «Intom, bħal tigri, bla xejn mgħodrija,
sibtu colonna, magħha rbattugħ,
hemm, geŭŭa is-setaħ minn ta *Pilatu*,
fejn mingħajr ħniena ferm saŭŭattugħ !

17. «Ma, ftacru dejjem, u f'moħħcom żommu,
sabiex mill jasar dlonc hu jieħliscom,
dan *Geżù* tagħna, biex tistgħu tgħaddu,
il *Baħar l'Aħmar* mâr hu ferkilcom.

18. «Intom bħal tigri, ta dana collu,
baħar ta'd-dmija mortu ħriġtulu,
li b'is-sŭat aħrax tal killa tagħcom,
il vini collha tiegħu ksamtulu!

19; «Ma, ftacru dejjem, u f'moħħcom żommu,
sabiex iżejjen il *Belt* minn tagħcom
fost l'*ibliet* l'oħrä b'Sultana għolliha,
biex ħenijin hŭa dejjem jaracom.

20. «Intom bħal tigri, ta dana collu
ma salib aħrax fìs sammartugħ,
u fil kuċċata minn tal *Calvarju*
b'żeblih bla ħniena hemm għollejtugħ !

21. «Ma, ftacru dejjem, u f'moħħcom żommu,
ħattx uaka' ma collimchien;
lilcom batuti
o, tacom f'coll żmien.
bħal tigri, ta dana collu,
ontu kiegħdin toktlugħ
ilma mâr hu talabcom,
norr gibtu, minnu skejtuh!

23. «Ma ftacru dejjem, u f'moħħcom żommu,
ta x'ħin f'ix-xgħari, abbandunati
minn geŭŭa 's-sèma xeħtilcom manna
biex xabba lilcom, ja xellerati!

24. «Intom, bħal tigri, ta dana collu
il ħlâs minn tiegħu minncom fîs sâb
ta mita 'mŭakka rajtuh bla saħħa,
îd geŭŭa ħalku xħettu 'ntom trâb!

25. «Ma'rridx jien iżjed nibka ngħajjarcom;
tibcu nixtiekcom kiegħdin b'id-dmugħ
ŭ'is-salib, iva, flimchien immorru
b'fidi kaddisa magħna 'nħaddnugħ.

26. «U bil kalb collha, b'imħabba safja,
bi cbira ħrara ta *Cbir Tuemmin*,
nitolbu maħfra lil *Iben t'Alla*,
lil *Bin Maria*, *Gezù* ħanin.

27. «Flimchien ngħidulu: Int *Sigra Mkaddsa*
Hena tal għageb minn tal bniedmin,
serħien u saħħa minn tal familji
gîd cbir u ġàbra tal midimbin.

28. «Int il colonna tal Fidi mkaddsa,
kridt int m'id-dinja id-dlamijiet;
int il catina minn tal imħabba;
il muftieħ inti minn ta's-smeŭŭjiet.

29. «Aħna 'nsejjħulec għajn ta coll ħniena,
għax tmur tfaccarna f'coll ŭakt, f'coll ħin,
li f'salib inti mort temmejt ħajtec
sabiex mort tifdi lilna il bniedmin.

30. «B'fidi kaŭŭija, aħna nistkarru
li sa'l meut tagħna nibkgħu 'nħobbuc,
għax ġo sidirna, sa ŭara meŭtna
imnakkax, iva, nibkgħu 'ngibuc.

31. «O *Gežù* tagħna, *Bin l'Etern Alla*,
atina grazzia, dlonc nitolbuc,
ma tûl ħaijitna katt la titlakna
biex xorti icollna ma nitilfuc.

32. «Mel'għarcubtejna ilcoll ninxteħtu,
int penitenza minn'na dlonc stenna;
il barca tiegħec flimchien ma'l maħfra,
imbgħad atina u il ġmiel tal Genna.»

IT-TMIEM.

# FUK IR-RIĠMENT TA'T-TIBEJ

LIL BOYS' BRIGADE

TAL

ORATORJU SALESIAN TA TAS-SLIEMA

Nħàr il Cunċiżioni tàl 1910

ALF. M. GALEA

MALTA—1911.

# FUK IR-RIĠMENT TA'T-TEBEJ

Patri Allegra, lilcom tal Boys' Brigade, riedni chiecu nsemmîlcom ħex sabu ruħhom l'elf sitt mija u sitta u sittin suldat Tebej, uara li ltakgħu fil Gallja mal imperatur Massimianu. Dan chien isaltan flimchien ma ieħor, ismu Dioclezianu,fuk Ruma u l'artijiet collha taħt il ħàcma ta'r-Rumani. Billi dan chellu x'igħid mal Galli(il Franċiżi ta dauc iż-żmenijiet), ba għat għalihom mill belt ta Tebi fl'Egittu, biex igħinuh imur jieħod ha mal egħdeuua ta Ruma. Daun is-suldati l'Egizziani, tauh om dan l'isem ta Tebej, actarx fuk li chienu imorru jinchitbu f'dic il belt : chienu rgiel ta saħħa u tal akua ħìla, u fuk hecc li Massimianu riedhom miegħu. Imma, is-suldati ta dan ir-riġment, chienu nsara, u nsara tasseu; għaliex, barra milli ma chenux jibżgħu mill laneż u xuabel tal egħdeuua tal imperu, chienu jistkarru kuddiem colħadd il fidi ta Sîdna Geżù, bil ħeġġa u il ħerka collha li tixrak lil nisrani: għaliex, bħalma għal chelma tal Imperatur, huma kabdu minnufih u telku lejn Ruma, hecc mita Alla ried minnhom li jistkarru l'Isem tiegħu, xejn actar ma kisuha ir-rieda ta's-sultan ta'r-Rumani, la darba Alla is-Sultan fuk is-slaten collha.

Daun is-suldati egizziani mela, telku, minn Tebi, għaddeu minn Gerusalemm iżûru il Kabar ta Cristu; u x'uħud fosthom, li chienu għâdhom m'hux mgħammdin (għax fl'euuel żmenijiet tal Cnisja, il magħmudija chienet iddum ma tingħâtha), talbu lil Iskof ta hemm igħammidhom. Mita, mbagħd, uaslu Ruma, il Papa San Marcellinu agħmel il griżma lil dauc li chienu għâdhom mingħajrha. Chif sabu ruħhom mixħutin kuddiemu: "Uliedi," kalilhom Marcellinu, "ibkgħu, iva, sejjrin fejn bagħtucom; imma, ibkgħu ftacru dejjem l'intcom, għall ħniena t'Alla, nsara; uru lil colħadd, bl'imgieba tagħcom, l'intcom suldati ta Cristu, għaliex aħjar għalicom tmutu jeu katt tmorru ittebbgħu ruħcom."Cliem il Papa,it-Tebej lakgħuhom bħall minn fomm Alla; cliem missier l'insara, kauuîlhom kalbhom, u telku lejn il Gallja imħejjin għa't-taħbit tal guerra uakt li ruħhom mixgħula bil fehma li katt ma jonksu m'id-dmirijiet tagħhom ta nsara. Ta rgiel li chienu, kasmu l'Italja minn tûlha, ferku l'Alpi (dauc il muntanji għoljin għoljin ta bejn l'Italja u Franza) u laħku ir-riġment ta'r-Rumani li chienu jittenneuhom fil uitât il cbar ta Martinjì, fejn dac iż-żmien chien jissejjaħ Ottuduru. Is-sultan Massimianu, li chien jinsâb hemm, hecc chif samagħ bl'insara ta dauc l'ibljiet, billi hu ma chienx jaħmilhom u chellu uisk għalihom, ħareġ bandu l'is-suldati tiegħu l'imorru jiekirduhom. Kabel xejn, iżda, biex hu jitchixxef jecc katt fosthom in-nies tiegħu chienu jinsabu x'insara, riedhom ilcoll jatu kîma lil allât karrieka ta'r-Rumani,u jaħarkulhom l'incens. Haun,is-suldati Tebej, chif semgħu b'dan l'ordni ta Massimianu, ma redux jokogħdulu għalih, u bagħtu igħarrfuh li huma ilcoll nsara; u li huma marru hemmec biex jieħduha mal egħdeuua ta'r-Rumani u m'hux le biex joktlu lil

ħuthom l'insara Telagħlu lil Massimianu chif uasslulu din it tuegiba ta'r-riġment ta'Tebej: "Chif," għàjjat b'dagħdiegħa cbira, "chif; il chelma tiegħi ta sultan, l'insara imakdruha? Jigifieri, is-suldati tiegħi jibagħtu igħiduli li dan ma jigix minnu u ma jagħmluhx?Jeu huma jaħarku l'incens lil allât ta Ruma, jeu noktolhom ilcoll bla ebda ħniena!" Imma,is-suldati Tebej, riedu l'euuelnett iżommu mal fidi ta Sîdna Geżù, li chienet l'akua kauua tagħhom, u le xejn ma beżgħu m'it-theddid ta Massimianu. Dan actar bèda igħażżeż snienu, u iħabbat sakajh, u dic is-siegħa bagħat joktol minnhom coll għaxra uieħed,bil ħsieb l'ibeżżagħhom. It-Tebej żammeulu jiebes u xejn le ma daru għalli ried minnhom,la darba dan ma setgħux jagħmlugħ bla ma jonksu mill uegħdjiet tagħhom l'Alla fil magħmudija ; u ilcoll chemm huma, Massiniamu keridhom ; għax sa l'aħħar uieħed fosthom.ilcoll bakgħu jistkarru il Cristu. Mita intcom tisimgħu b'ir-riġment ta't-Tebej, dan hu : ilcoll mietu martri, għax ilcoll dauc is-suldati katluhom f 'gieħ Sîdna Geżù, għall mħabba ta dic il fidi li tuettku fiha bil magħmudija u il griżma.

Għidthielcom jien din li storia; narau issa x'għandna nitgħallmu minnha: għaliex għallhecc aħna niltakgħu haun, biex ta coll darba nitgħallmu xiħaġa. Narau, mela, chif nistgħu nixxieħbu l'is-suldati tebej, għaliex b'din il fehma Patri Allegra uakkaf f 'dan l'Oratorju is-*Salesian Boys' Brigade*,li tinsabu mictubin fiha. Intcom it-tfâl,is-sultan tagħna Giorġ il-V, m'hux sejjer isejjħilcom titilku minn haun biex tmorru teħduha mal egħdeuua tal imperu, għâd li jecc icun jinħtieġ, naħseb li ilcoll aħna il Maltin nakbżu għall bandiera ingliża biex flimchien ma'l *bajda u ħamra* li ħallielna il Conti Ruggieru,ngħinu ruħna aħna ucoll għall gieħ tagħha.Imma,bħala Salesian Boys'Brigade

u bħala suldati ta Cristu, irridu dejjem nistkarru li aħna nsara, bl'imgieba it-tajjba u l'għamîl ta's-seuua: m'hux le biex ituna is-santi jeu id-dômni u nieħdu il premji; dauc il ħuejjeġ sbieħ ħafna li il camra ta Patri Allegra mimliha bihom, jeu dac il ħelu li dejjem issiblu fuku biex ikassmu l'it-tfâl. Jecc daun il ħuejjeġ igħoddu għalicom u jibkgħu jisueulcom sa chemm tcunu tfâl tal Oratorju, mita ticbru u tidħlu f'id-*Domus*, u mbagħd ticbru iżjed, sa chemm Alla jislifcom il għomor, icun jinħtigilhom fuk collox dan it-tagħlim li Patri Allegra u il kassisin u il ħbieb tagħcom l' oħrajn kegħdin jagħmlu dmirhom biex inisslu fil moħħ tagħcom u fil kalb tagħcom bil fehma l' iuettcucom għalli gejj, billi ħaġ'oħra ma iridux, ħlief il gîd ta ruħcom: jixtekukcom tagħmlu id-dmirijiet tagħcom ta tfâl bħal issa, u ta rgiel la ticbru, u tagħmlu il gîd colfejn tistgħu; bil chelma it-tajjba, bil għajnuna li tcun tinħtieġ u sa fejn uieħed jista ilaħħak ; billi tistkarru kuddiem sħabcom u kuddiem il bnedmin collha li intom ulied il Cnisja mkaddsa u le katt ma tistħu minn ħadd tagħmlu li tuissina il Cnisja, bħalma kegħdin titgħallmu issa f'it-tifsir nisrani.

Arau ftit: dari, malli jinstemgħu il kniepel idokku l'*Avemarìa*, colħadd jiekaf milli icun jagħmel, u jakbad igħid l'*anġlus* bla mistħija ta xejn. Katt ma ninsa l'incuatru ta'ż-żejt li cont rajt darba uaħda fil belt ta Parigi: nistħajjlu kuddiem għainejja. F'dan l'incuatru tara kasam râba cbir ; fil bgħid, chemchemm tidher, dakxejn ta cnisja ta'r-raħal, u fukha ix-xemx ixerred l'aħħar dija tagħha, kabel ma tinħèba għa 'l-lejl. F'nofs dan ir-ràba, ragel u màra, it-tnejn xuxä, miġburin, rashom baxxa, tistħajjlec ked tismagħhom igħidu l'*Anġlus* bi ħrara cbira, collhom tâma fil għajnuna ta's-Sèma, ibiercu l'Alla, isell-

mu lil Marìa. Hecc chienu jagħmlu l'insara colfejn icunu; seu jecc jinzertau id-dâr, u seuua f'it-triek. Nkisu li aħna nagħmlu bħa'x-xjuħ tagħna; dan, għalina tagħlim ucoll. F'loc li uieħed jokogħd jiddejjak u ighemghem fuk il ħsarât ta'd-dinja u ixerred id-dmugħ fuk id-dèni l'isir, nkauu kalbna u inuettku ruħna, u dlonc narau x'nistgħu nagħmlu biex nilkgħulha lil din il ħsara. U coss! ma haunx ftit x'uieħed iseuui f'id-dinja, ma haunx ftit mîn tinħtieġlu l'għajnuna tagħna; nħabircu, mela, nagħmluh dan il gîd; nitgħallmu issa chif nagħmluh dan il gîd, għax uisk drabi, bla ma aħna ncunu nobsruh, ncunu kdejna dac li Alla l'imbierec irid minn'na għall gîd tagħna u ta ħaddieħor. Mîn katt jista jidħol fil fehmjiet t'Alla? F'loc li uieħed jieħodha ma 'ż-żmenijiet li aħna fihom, naħsbu fil gîd li nistgħu nagħmlu; u nsibu li iż-żmenijiet tal ħażen u tal ħsara, huma l'actar żmenijiet tal gîd għall mîn irid jagħmel il gîd.

Seuseuu ix-xahar l'ieħor, l'4 ta Novembru li għadda, tlet mitt sèna îlu, in-nies tal belt ta Milan, nfexxet tibchi għax metilhom l'Arciskof tagħhom, il Cardinal Borromeu. Mita mjet, ma chellux ħlief sitta u erbgħin sèna; u f'id-dsatax il sèna li chien îlu iskof ta hemm, il gîd li għamel, ħuejjeġ tal għageb. Xejn le ma kagħad jiddejjak fuk li iż-żmenijiet ħżiena: medd îdu għa'x-xogħol minnufih; u il gîd li għamel, ħadd ma jista jifhem chif laħak għamlu f'kasir il għomor tiegħu. Halli ngħidilhom fuk dan l'Arciskof u Cardinal, biex uieħed jitgħallem minnu li il bniedem, bil għajnuna t'Alla, collox jista jagħmel. Napuliun, il chelma *ma nistagħx*, ma chienx irid jisma biha; chien iħobb igħid li din il chelma ma ltaka' katt magħha f'id-dizziunarju tiegħu; imma, intcom ta's-Salesian Boys' Brigade nistħajjilcom actar tixtieku tixxieħ-

bu lil Carlu Borromeu milli lil Napuliun, għâd li dac l'akua suldat ta żmenijietna; il uieħed, iżda, mcabbar b'is-setgħa tiegħu, ma għamilx ħlief ħsara; l'ieħor, bil kauua tiegħu bħala suldat ta Cristu, ma għamilx ħlief gîd.

Dic il ħàbta, mita il Papa Paulu l'IV, li chien jigi hu omm Carlu Borromeu, sejjaħlu Ruma biex jagħmlu Arciskof, il Cnisja chienet mħabbta għall aħħar bl'ereżiji ta Luteru; fil uakt li is-slaten tal Germanja serkulha il gîd tagħha collu; u fl'Ingliterra, is-sultan Erricu it-VIII, ħareġ minn ħdanha u kabad minnufih jieħodha magħha b'killa mill akua,u katel l'eluf ta kassisin u ta nies seuua, u ta coll darba jiżżeuueġ u il martu jibgħat joktolha jeu jitturufnaha, u jieħu oħra; fli Svizzra, mbagħd, Calvinu, kassis mħassar, chien jaħchem fuk l'insara ta hemm, u jindaħlilhom fejn ma jiesgħux, għax sa jindaħal fuk x'jieclu u chif jakflu iż-żraben u fuk il għamla tal cpiepel ta 'n-nìsa ! Għaliex daun l'eretici, minn dejjem hecc chienu; ma iridux jokogħdu għalli trid il Cnisja, jisblu jecc il Cnisja tuissiehom, għâd li uissiehom bil ħleuua ta omm ħanina, mbagħd huma iħarrxuha ma colħadd u iridu li colħadd jaħsibha bħalhom. U hecc għamlu daun l'eretci, Luteru, Calvinu u Erricu it-VIII: rtefgħu mal Cnisja, biex igħixu chif jidrilhom; u minn fuk, ħakru il Cnisja u colmîn ried jibka jimxi bħala nisrani, suldat ta Cristu; il uieħed, ħakar l'insara b'is-setgħa tiegħu ta sultan ; it-tnejn l'oħra, patri u kassis li uarrbu iċ ċokka minn fukhom, u b'rieħet il cbarât u is-slaten maklubin, ħaduha ma colmin il fehma tiegħu ma takbilx ma tagħhom! Dan, biex nfaccarcom u nfiehemcom dak-xejn uaħda f'liema żmienijiet ta tiġrib cbir ta'l Çnisja, sâb ruħu Carlu Borromeu, mita il Papa ħàtru Arciskof ta Milan; għâd li kabel ma bagħtu f'dic il belt, żammu

miegħu tlet snîn Ruma biex jituettak għa'x-xogħol cbir li chellu jidħol għalih.

Dan Carlu Borromeu, sa minn ċcunitu chien tifel tajjeb; u il Papa, li chien jigi zijuh, chien jâf x' isarraf missier Carlu u ommu. It-tnejn minn nisel il cbarât, nies ta setgħa cbira, u chellhom gîd uisk ; imma, daks chemm chellhom setgħa u gîd, dakshecc ieħor chienu nies ta's-seuua u iħobbu il fokra: arau chemm, li il missieru, il Conti Gilbertu, xi ħbieb tiegħu laħku imieruh li daks chemm chien jati lil fokra, jibka biex ifakkar l'uliedu ; iżda, dac uegibhom : " Minn għalija, nibka naħseb fil fokra: Alla mbagħd jaħseb f'is-sebgħa uliedi." U hecc chien.

Id-diocesi ta Milan, dauc iż-żmenijiet, chienet cbira uisk, għaliex bejn il belt u ir-rħula ta madumrha, l'Iskof chellu elfejn u mitejn cnisja, bejn cbar u żghâr, x'jaħseb fihom, barra minn mitejn cunvent u ma't-tlet mitt kassis. Colħadd feraħ, x'ħin semgħu li il Cardinal Borromeu chellu icun l'Arciskof ta Milan; u il lakgħa li għamlulu, x'ħin mâr hemm, ħuejjeġ cbar, billi colħadd chien samagħ b'it-tieba u il għerf tiegħu; u Milan għâdha tissejjaħ sa'l-lum il belt ta San Carlu Borromeu, xorta uaħda bħalma tissejjaħ il belt ta Sant Ambroġ, l'euuel Iskof tagħha.

Ftit gimgħat uara li daħal Milan, dan l'Iskof fetaħ żeuġ seminarji u tlet culleggi, biex fihom irabbi kassisin għall kalbu. Il gîd li chellu, u ma chellux ftit, għax chien ilaħħak mal għoxrin elf lira renta, collu chien jonfku għall gîd tal eruieħ u ikassmu lil fokra. Mîn chien jista ma jokogħdlux għalli irid minnu u jagħmel l'igħidlu, daks chemm hu chien jitħabat għall gîd ta

l'oħrajn? L'arciskof Carlu Borromeu, kabad minnufih idur il cunventi, illi bosta minnhom ma chenux jimxu chif imisshom, u il cbarât riedu jieħduha miegħu u bdeu ihedd'duh bil meut, għax uissiehom ibiddlu ħajjithom; imma, bħala ir-Ragħaj it-Tajjeb, Carlu Borromeu, żammilhom jiebes, u le ma strieħ sa kàbel ma uettakhom f'it-triek ta's-seuua. Contu tridu tarauh chif chien idur bihom il kassisin, hecc chif uieħed minnhom jimradlu; għaliex il kassis it-tajjeb, mîn jista ifisser il gîd li jagħmel? Li sparijiet li uakkaf, il fokra li chien igħin, dan mîn jista igħoddu? Katt ma jista jintèsa li għamel dan l'Arciskof uakt il mard ta's-sèna 1576: barra milli idur mal morda, bla mistrieħ ta xejn, dâm ix-xhur is-sħaħ jitma minn tiegħu maduar is-sittin elf ruħ! Ara taħsbu, iżda, li Carlu Borromeu chien jagħmel dan il gîd collu għaliex chellu mniex! Le,tfâl, m'hux biss mîn għandu mniex, jaħseb l'ikassam minnu lil mîn jinħtieġlu. Carlu Borromeu, dan hu chien jagħmlu għaliex feħemha seuua li għalhecc Alla tahulu dan il gîd; minn għalih, chien igħix ħobż u ilma! Imma, Carlu Borromeu, chif rajtu, ta' ucoll ħilu in-nifsu għall gîd tal oħrajn; għaliex, jecc is sèna collha chien jaħdem għall uliedu ta'd-diocesi tiegħu, fil pesta ta Milan li semmejtilhom, u li fiha nkerdu maduar is-sbatax il elf ruħ, għageb cbir chif hu ma bakagħx mejjet b'it-tbatijiet li bâta,barra milli satagħ jittieħed bil mard.

Hemmec, f'dic il belt ta Milan li fiha għadda l'aħjar snîn ta ħajjtu, hemm ried imut il Cardinal Borromeu. B'id-dèni fuku, chif il meut ħassha gejja, telak għal Milan fuk cajjic ma erba' barclori minn xatt il Lago Maggiore, fejn chien ngàbar dic il gimgħa rtîr fil cunvent ta Varella: u bħal Ġeżù fil bħajra ta Genesareth, bilġri

ried Carlu Borromeu imur isammagħ għall aħħar darba lil ulied tiegħu tal belt ta Milan il cliem tal ħajja, u mjet, mibchi minn colħadd ; u sa l egħdeuua bcheuh lil Cardinal Carlu Borromeu, għaliex stħau u nidmu, x'ħin rau li colħadd chelma uaħda, ifaħħru u ibiercu.

*
* *

Tfâl,il-lejla, chelli ħsieb nsemmilcom fuk is-*Socialismu*, chelma li tbażża għal mîn imur jifhimha chif jidhirlu hu; minn għalija cont biħsiebi ifissirhielcom chif imissha tiftiehem; għaliex jidhirli li *socialismu* jigifieri «*tgħix u tħalli mîn igħix*». Imma, issa il ħin daħal, u Patri Allegra nistħajjlu subgħajh kegħdin jiecluh biex icencel dic il kampiena li għandu kuddiemu ; għaliex, daks chemm iħobbcom, ma iridx li tegħjeu. L'aħjar, mela, din ta's-*socialismu*,hux? nħalluha għall xi darb'oħra: u il-lum ngħidilcom chelma oħra u biżżejjed. Milli smajtu, intom tarau li colħadd jista icun suldat ta Cristu, u minn'na jonkos jecc ma jcunux; u intcom ta's-Salesian Boys' Brigade, nistħajjilcom ilcoll chemm intcom, tridu tcunu Suldati ta Cristu, u hecc tferrħu il Patri Allegra, u l'is-sur Duardu Mifsud u l'Istrutturi l'oħra li għall gîd tagħcom jigu haun ta coljum igħallmucom dauc il ħafna figuri, u titchellmu b'is-semafôr : ħuejjeġ li jiena nieħu gost narahom; imma, li għalihom xejn ma ninkala'.

Colfejn tiltakgħu, fuk l'art jeu il baħar, intcom ta's-Salesian Boys'Brigade, ftacru fli għidtilcom, u mill bkija

Hang on and heave together, boys,
Hang on and heave together.
There is nothing like a jolly crowd
In fair or stormy weather.

# DON CERLOGNE

Dun Cerlogne li tuieled Val d'Aosta, f'għomru u żmienu, sa kabel ma laħak kassis, chien côc, chennies, u suldar. Il Canoncu Bérard, ħàbta ta's-sèna 1856, deherlu li il côc Cerlogne chien jinkala' ġmielu għa't-takbil, u fuk hecc talbu jictiblu fuk l'*Iben il Hâli*. Cer logne, f'kasir żmien, chitibulu; u ħareġ ta ragel. Tħajjar imur il kuddiem; iżda, chien jonksu l'aħjar, għerf ma chellux! L'Iskof, Monsinjur Jourdain, samagħ bih, u riedu jitgħallem. Arah lil côc Cerlogne, għâd li chellu il uieħed u tletin sèna tiegħu, jakbad jitgħallem fuk il cotba tal għorrjief. Il 15 ta Auuissu ta dic is-sèna' telak il borom u it-tuaghen, u arah sejjer b'id *Donat* f'idejh jitgħallem il latin ir-*rosa rosæ* fil parroccia ta San Nicola. Moħħu chien iżomm, rasu ittih: tlet snîn uara, daħal is-seminarju, fejn chien għamilha ta côc! Bakagħ jitgħal lem, għadda it-teologija; u dac, li darba, côc, u chennies, u suldat, laħak kassis, u kâl l'euuel kuddiesa f'ir-raħal tiegħu ta San Nicola it-22 ta dicembru 1864.

Tasseu li mîn irid, jista! Oħrajn, actarx li bakgħu li chienu! Arauh, issa, laħak cappillan f'chemm ir-raħal; colfejn imur, in-nies tingibed għalih, għaliex chien jâf uisk imur magħhom. Uakt il corla ta 1867, x'ma għamilx mal morda? Dauc it tliet xhur tal mard, f'ir-raħal ta Pontboset, għamilha ta cappillan, ta sindcu, ta tabib u ta diffjen ucoll! Il Gvern samagħ b'dan, u bagħatlu midalja tal fidda. Hakku tasseu! U Dun Cerlogne, barra minn din il midalja, chellu oħra ta suldat li kalagħha f'Novara; u is-sultan tal Italia, fl'aħħar snîn ta ħajjtu, tah ucoll id-decorazzioni ta San Mauriziu. Taraux hux, tfâl, li MIN IRID, JISTA? A M.G.